

MINUTI TAS-SEDUTA TA' NHAR IL-ĦAMIS, IT-28 TA' ĠUNJU 2007

(2007/C 254/04)

(Is-seduta nfetħet fid-9.05 a.m.)

IPPRESEDIET: Is-Sinjura KINNOCK

Ko-President

1. Sostituti

Il-Ko-President ħabbar is-sostituti li ġejjin: Badia i Cutchet (għal Arif), Bushill-Mathews (għal Coelho), Goebbels (għal Ferreira), Hutchinson (għal Rosati), Zaleski (għal Gaubert), Zwiefka (għal Langendries).

2. Approvazzjoni tal-minuti ta' nhar il-Erbgħa, is-27 ta' Ġunju 2007

Il-minuti ġew approvati.

3. Rapporti fil-qosor mill-workshops

— Is-Sur Ramotar (il-Gujana) dwar l-emigrazzjoni f'koperazzjoni ma' l-Ajruport ta' Frankfurt u l-Ministeru Federali ta' l-Intern tal-Ġermanja (Frankfurt).

— Is-Sinjura Scheele dwar l-immonitorjar tal-bidla fil-klima f'koperazzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ispazju (Darmstadt).

— Is-Sur Bowis dwar l-aċċess għall-mediċini għal mard li jiġi injorat f'koperazzjoni ma' Sanofi-Aventis (Frankfurt).

4. L-analiżi mill-ġdid tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali ta' Speċi ta' Fawna u Flora Slavaġġ li jinsabu f'Periklu ta' Estinzjoni (CITES): dibattitu (mingħajr riżoluzzjoni)

Is-Sur Baum (Kummissjoni Ewropea) introduċa s-suġġett.

Kelliema: Mitchell, Mushelenga (in-Namibja), Polisi (ir-Rwanda), Bowis, William (is-Seychelles), Scheele, Ramotar (il-Gujana), McAvan, Sithole (il-Mozambik), Mugambe (l-Uganda), Sebetela (il-Botswana), de Sousa (l-Angola).

Is-Sur Baum (Kummissjoni Ewropea) wieġeb u għalaq id-dibattitu.

5. Votazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura

Il-Ko-President fisser il-proċedura tal-votazzjoni.

Bi qbil ma' l-Artikolu 34 tar-Regoli ta' Proċedura, il-votazzjoni saret minn Kmamar separati. L-emenda ġiet adottata b'mod unanimu miż-żewġt lkmamar.

6. Votazzjoni dwar il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet inklużi fir-rapporti sottomessi mit-tliet kumitati permanenti

— Rapport dwar governanza tajba, trasparenza u responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali fil-pajjiżi AKP (ACP-EU/3937/07/fin.) — Kumitat għall-Affarijiet Politiċi. Ko-rapporteurs: Evelyne B. Cheron (il-Haiti) u Michael Gahler.

Tħabbret tiswija waħda għall-abbozz tar-riżoluzzjoni. Emenda orali ġiet introdotta mill-ko-rapporteurs. L-emenda orali ġiet adottata. Ir-riżoluzzjoni emendata ġiet adottata b'mod unanimu.

— Rapport dwar it-tnaqqis tal-faqar għall-bdiewa żgħar fil-pajjiżi AKP — b'mod partikolari fis-setturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-fjuri (ACP-EU/100.011/07/fin.) — Kumitat għall-Iżvilupp Ekonomiku u l-Finanzi u l-Kummerċ. Ko-rapporteurs: Kilontji Mporogomyi (it-Tanzanija) u Carl Schlyter.

L-emenda 1 ġiet adottata billi saret emenda orali għall-emenda. L-emendi 2, 4, 5, 6, 7 u 8 ġew adottati. Ir-riżoluzzjoni emendata ġiet adottata b'mod unanimu.

— Rapport dwar l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa u l-effett tagħha fuq l-iżvilupp nazzjonali (ACP-EU/100.012/07/fin.) — Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u l-Ambjent. Ko-rapporteurs: Sharon Hay Webster (il-Ġamajka) u Luisa Morgantini.

L-emenda 2 ġiet adottata bħala żieda għall-paragrafu 17. L-emendi 1 u 3 ġew adottati wkoll. Ir-riżoluzzjoni emendata ġiet adottata b'mod unanimu.

7. Votazzjoni dwar mozzjonijiet urġenti għal riżoluzzjonijiet

— Mozzjoni urġenti għal riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni f-Darfur (ACP-EU/100.075/07/comp)

L-emenda 4 ġiet irtirata. L-emendi 1, 2 u 3 ġew adottati.

Ir-riżoluzzjoni emendata ġiet adottata b'mod unanimu.

Skond l-Artikolu 16 tar-Regoli ta' Proċedura, is-Sur Darbo (iċ-Ċad) ta' spjegazzjoni bil-miktub tal-votazzjoni li tqassmet lill-Membri fl-ilsien oriġinali.

8. Affarijiet oħrajn

Is-Sur Ramotar (il-Gujana) għamel intervent dwar l-installazzjoni ta' sistema ġdida ta' difiża bil-missili fl-Ewropa.

Is-Sur Straker (San Vinċenz u l-Grenadini) irringrazzja lill-awtoritajiet Ġermaniżi u lis-Sur Gahler għall-ospitalità tagħhom u

għall-isforzi kollha tagħhom fl-organizzazzjoni tat-13-il seduta ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta f'Wiesbaden u tal-ġrajjet soċjali li jakkumpanjawha.

9. Data u post ta' l-14-il seduta ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE

L-14-il seduta tal-JPA se sseħħ mis-17 sat-22 ta' Novembru 2007 f'Kigali (ir-Rwanda).

(Is-seduta nġhalqet fil-11.10 a.m.)

Otmar ROGERS u
Glenys KINNOCK
Ko-Presidenti

Sir John KAPUTIN u
Dietmar NICKEL
Ko-Segretarji Ġenerali

ANNEX I

LISTA ALFABETIKA TAL-MEMBRI TA' L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA

Rappreżentanti AKP

RADEMBINO-CONIQUET (IL-GABON), Ko-President
 IL-BENIN (VP)
 IL-KAMERUN (VP)
 IL-GINEA EKWATORJALI (VP)
 IL-GANA (VP)
 IL-ĠAMAJKA (VP)
 IL-KENJA (VP)
 IN-NIUE (VP)
 IS-SEYCHELLES (VP)
 IL-G'ZĒJJER SOLOMON (VP)
 IS-SURINAM (VP)
 IZ-ZAMBJA (VP)
 IŻ-ŻIMBABWE (VP)

L-ANGOLA
 L-ANTIGWA U BARBUDA
 IL-BAHAMAS
 IL-BARBADOS
 IL-BELIŻE
 IL-BOTSWANA
 IL-BURKINA FASO
 IL-BURUNDI
 IL-KAP VERDE
 IR-REPUBBLIKA AFRIKANA ĊENTRALI
 IĊ-ĊAD
 IL-KOMOROS
 IL-KONGO (Ir-Repubblika tal-Kongo)
 IL-KONGO (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo)
 IL-G'ZĒJJER COOK
 IL-KOSTA TA' L-AVORJU
 IL-ĠIBUTI
 ID-DOMINIKA
 IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA
 L-ERITREA
 L-ETJOPJA
 IL-FIĠI
 IL-GAMBJA
 IL-GRENADA
 IL-GINEA
 IL-GINEA-BISSAW
 IL-GUJANA
 IL-HAITI
 IL-KIRIBATI
 IL-LESOTO

Rappreżentanti tal-PE

KINNOCK, Ko-President
 GAHLER (VP)
 MANTOVANI (VP)
 VERGES (VP)
 CARLOTTI (VP)
 MITCHELL (VP)
 AUBERT (VP)
 LULLING (VP)
 KAMIŃSKI (VP)
 POLFER (VP)
 MARTÍNEZ MARTÍNEZ (VP)
 BOWIS (VP)
 GOUDIN (VP)

AGNOLETTO
 ALLISTER
 ARIF
 AYLWARD
 BEREND
 BORRELL FONTELLES
 BULLMAN
 BUSK
 CALLANAN
 CASHMAN
 COELHO
 CORNILLET
 DEVA
 DILLEN
 DOMBROVSKIS
 FERNANDES
 FERREIRA
 GAUBERT
 GOMES
 GRABOWSKA
 GRÖNER
 GURMAI
 HALL
 HAUG
 HERRANZ GARCÍA
 HOLM
 JÖNS
 KACZMAREK
 KORHOLA
 KOZLIK

IL-LIBERJA	LANGENDRIES
IL-MADAGASKAR	LEHIDEUX
IL-MALAWI	LÓPEZ-ISTÚRIZ WHITE
IL-MALI	LOUIS
IL-GĴEJĴER MARSHALL (Ir-Repubblika tal-GĴejjer Marshall)	MARTENS
IL-MAWRITANJA	McAVAN
IL-MAWRIZJU	MAYER
IL-MIKRONESJA (L-Istati Federali tal-Mikronesja)	MORILLON
IL-MOŽAMBIK	NOVAK
IN-NAMIBJA	PLEGUEZUELOS AGUILAR
IN-NAURU (Ir-Repubblika tan-Nauru)	RIBEIRO E CASTRO
IN-NIĠER	ROITHOVÁ
IN-NIĠERJA	ROSATI
IL-PALAU	SBARBATI
IL-PAPWA GINEA ĠDIDA	SCHEELE
IR-RWANDA	SCHLYTER
SAN KITTS U NEVIS	SCHMIDT F.
SANTA LUĊIJA	SCHMIDT O.
SAN VINĊENZ U L-GRENADINI	SCHNELHARDT
IS-SAMOA	SCHRÖDER
SAO TOME u PRINĊIPE	SORNOSA MARTÍNEZ
IS-SENEGAL	SPERONI
IS-SIERRA LEONE	STURDY
IS-SOMALJA	VAN HECKE
L-AFRIKA T'ISFEL	VAN LANCKER
IS-SUDAN	VENETO
IS-SWAŽILAND	VENTRE
IT-TANZANIJA	de VILLIERS
IT-TIMOR TAL-LVANT	WIELAND
IT-TOGO	WIJKMAN
IT-TONGA	ZÁBORSKÁ
IT-TRINIDAD U TOBAGO	ZANI
IT-TUVALU	ZĪLE
L-UGANDA	ZIMMER
IL-VANWATU	... (GREENS/EFA)

KUMITAT GĦALL-AFFARIJJET POLITIĊI

Membri AKP

NZOMUKUNDA (IL-BURUNDI), Ko-Chairman
LUTUNDULA (IL-KONGO, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo), VC
DUGUID (IL-BARBADOS), VC

L-ANGOLA
IL-BELIŽE
IL-BENIN
IR-REPUBBLIKA AFRIKANA ĊENTRALI
IL-GĴEJĴER TA' COOK
IL-ĠIBUTI
IL-GINEA EKWATORJALI

Membri tal-PE

CALLANAN, Ko-Chairman
JÖNS, VC
POLFER, VC

CARLOTTI
COELHO
DILLEN
GAHLER
GAUBERT
GOMES
GRABOWSKA

IL-FIĠI	GRÖNER
IL-GRENADA	GURMA
IL-GINEA	HERRANZ GARCÍA
IL-HAITI	KACZMAREK
IL-LIBERJA	KAMINSKI
IL-MAWRITANJA	LÓPEZ ISTÚRIZ
IN-NAMIBJA	LOUIS
IN-NIĠERJA	MANTOVANI
IN-NIUE	MARTÍNEZ MARTÍNEZ
IL-PAPWA GINEA ĠDIDA	MORILLON
SAN VINĊENZ U L-GRENADINI	SCHMIDT F.
IS-SUDAN	VAN HECKE
IT-TOGO	VENTRE
IT-TUVALU	WIELAND
L-UGANDA	ZANI
IŻ-ŻIMBABWE	ZIMMER

KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU, IL-FINANZI U L-KUMMERĊ

Membri AKP

EVERISTUS (SANTA LUĊIJA), Ko-Chairman
 SEBETELA (IL-BOTSWANA), VC
 DARBO (IĊ-ĊAD), VC

IL-KAMERUN
 IL-KONGO (Ir-Repubblika tal-Kongo)
 IL-KOSTA TA' L-AVORJU
 L-ERITREA
 L-ETJOPJA
 IL-GABON
 IL-GANA
 IL-GUJANA
 IL-KENJA
 IL-MALI
 IL-MAWRIZJU
 IL-MIKRONESJA (L-Istati Federali tal-Mikronesja)
 IL-PALAU
 SAN KITTS U NEVIS
 IS-SAMOA
 IS-SENEGAL
 IS-SIERRA LEONE
 L-AFRIKA T'ISFEL
 IS-SWAŻILAND
 IT-TANZANIJA
 IT-TONGA
 IT-TRINIDAD U TOBAGO
 IZ-ZAMBJA

Membri tal-PE

SCHLYTER, Ko-Chairman
 DOMBROVSKIS, VC
 RIBEIRO E CASTRO, VC
 AGNOLETTO
 BEREND
 BULLMANN
 BUSK
 CORNILLET
 DEVA
 FERREIRA
 KINNOCK
 KOZLÍK
 LANGENDRIES
 LEHIDEUX
 LULLING
 MAYER
 McAVAN
 MITCHELL
 PLEGUEZUELOS AGUILAR
 ROSATI
 SPERONI
 STURDY
 VAN LANCKER
 de VILLIERS
 ŽÍLE
 ... (GREENS/EFA)

KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET SOĊJALI U L-AMBJENT**Membri AKP**

OUMAROU (IN-NIĠER), Ko-Chairman
SANGA (IL-GĴEJĴER SOLOMON), VC
SITHOLE (IL-MOŴAMBIK), VC

L-ANTIGWA U BARBUDA
IL-BAĦAMAS
IL-BURKINA FASO
IL-KAP VERDE
IL-KOMOROS
ID-DOMINIKA
IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA
IL-GAMBĴA
IL-GINEA-BISSAW
IL-ĠAMAĴKA
IL-KIRIBATI
IL-LESOTO
IL-MADAGASKAR
IL-MALAWI
IL-GĴEJĴER MARSHALL (Ir-Repubblika tal-GĴejjer Marshall)
IN-NAURU
IR-RWANDA
SAO TOME U PRINĊIPE
IS-SEYCHELLES
IS-SOMALĴA
IS-SURINAM
IT-TIMOR TAL-LVANT
IL-VANWATU

Membri tal-PE

SCHEELE, Ko-Chairwoman
NOVAK, VC
ARIF, VC

ALLISTER
AUBERT
AYLWARD
BORRELL FONTELLES
BOWIS
CASHMAN
FERNANDES
GOUDIN
HALL
HAUG
HOLM
KORHOLA
MARTENS
ROITHOVA
S BARBATI
SCHMIDT O.
SCHNELHARDT
SCHRÖDER
SORNOSA MARTÍNEZ
VENETO
VERGES
WIJKMAN
ZÁBORSKÁ

ANNEX II

REĠISTRU TA' L-ATTENDENZA FIS-SEDUTA MILL-25 SAT-28 TA' ĠUNJU F'WIESBADEN

RADEMBINO-CONIQUET (Il-Gabon), Ko-President	KINNOCK, Ko-President
DE SOUSA (L-Angola)	AGNOLETTO ⁽¹⁾ ⁽²⁾
DUGUID (Il-Barbados)	AUBERT ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽³⁾
DAYORI (Il-Benin) (VP)	AYLWARD ⁽²⁾ ⁽³⁾
SEBETELA (Il-Botswana)	BADIA i CUCHET (għal ARIF) ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
TAPSOBA (Il-Burkina Faso)	BEREND
NZOMUKUNDA (Il-Burundi)	BORRELL FONTELLES
NYASSA (Il-Kamerun) (VP)	BOWIS (VP)
SORONGOPE-ZOUMANDJI (Ir-Repubblika Afrikana Ċentrali)	BULLMANN
DARBO (Iċ-Ċad)	BUSHILL-MATTHEWS (għal COELHO) ⁽⁴⁾
BOUNKOULOU (Il-Kongo, ir-Repubblika tal-Kongo)	BUSK ⁽¹⁾ ⁽²⁾
GOYA (Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo)	CALLANAN ⁽¹⁾ ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
AMON-AGO (Il-Kosta ta' l-Avorju)	CARLOTTI (VP)
ABDI SAID (Il-Ġibuti)	CASHMAN ⁽¹⁾ ⁽²⁾
THOMAS (Id-Dominika) (*)	DOMBROVSKIS
JIMENEZ (Ir-Repubblika Dominikana)	FERNANDES
NGUEMA OWONO (Il-Ginea Ekwatorjali)	GAHLER (VP)
TSEGGAI (L-Eritrea)	GOEBBELS (għal FERREIRA)
TOGA (L-Etjopja)	GOMES ⁽¹⁾
CAVUILATI (Il-Fiġi) (*)	GRABOWSKA
MILEBOU-AUBUSSON (Il-Gabon)	GRÖNER
OSEI-AMEYAW (Il-Gana)	HALL ⁽²⁾
TOP (Il-Ginea)	HAUG
BERNARD CHERON (Il-Haiti)	HUTCHINSON (għal ROSATI)
McNISH (Il-Ġamajka) (*)	JÖNS ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽⁴⁾
KAMOTHO (Il-Kenja) (VP)	KACZMAREK
MAFURA (Il-Lesoto)	KORHOLA
SMITH (Il-Liberja)	KOZLÍK ⁽¹⁾
MATOLA (Il-Malawi)	LEHIDEUX ⁽¹⁾ ⁽²⁾
DIALLO (Il-Mali) (*)	LULLING (VP)
GUELAYE (Il-Mawritanja)	MANTOVANI (VP) ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
DEERPALSING (Il-Mawrizju)	MARTENS
SITHOLE (Il-Możambik)	MARTÍNEZ MARTÍNEZ (VP) ⁽¹⁾ ⁽²⁾
MUSHELENGA (In-Namibja)	MAYER
OUMAROU (In-Niġer)	McAVAN ⁽²⁾ ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
ADEFIDIPE (In-Niġerja) (*)	MITCHELL
TALAGI (In-Niue)	MORGANTINI (għal HOLM) ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽³⁾
BALAGETUNA (Il-Papwa Ginea Ġdida) (*)	POLFER ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
POLISI (Ir-Rwanda)	RIBEIRO E CASTRO
HARRIS (San Kitts u Nevis)	SCHEELE
JEAN-MARIE (Santa Luċija)	SCHLYTER ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽³⁾
STRAKER (San Vincenz u l-Grenadini)	SCHMIDT F ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽³⁾
LAUOFO (Is-Samoa)	SCHMIDT O
WILLIAM (Is-Seychelles)	SCHNELLHARDT
CONTEH (Is-Sierra Leone)	SCHRÖDER

MA'AHANUA (Il-Gżejjer Solomon) (*)	SPERONI ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
SITHOLE (L-Afrika t'Isfel)	STURDY ⁽²⁾ ⁽³⁾
DEKUEK (Is-Sudan)	VAN HECKE
RODGERS (Is-Surinam)	VAN LANCKER ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
THWALA (Is-Sważiland)	VENETO ⁽²⁾ ⁽³⁾
CHECHE (It-Tanzanija)	WIELAND ⁽¹⁾ ⁽⁴⁾
MUGAMBE (L-Uganda)	ZALESKI (għal GAUBERT) ⁽⁴⁾
NJOBVU (Iz-Zambja) (*)	ZABORSKA ⁽³⁾ ⁽⁴⁾
	ZIMMER ⁽¹⁾ ⁽²⁾
	ZWIEFKA ⁽³⁾ ⁽⁴⁾

(*) Pajjiż irrappreżentat minn persuna li m'hijiex Membru tal-Parlament.

⁽¹⁾ Preżenti nhar il-25 ta' Ġunju 2007.

⁽²⁾ Preżenti nhar is-26 ta' Ġunju 2007.

⁽³⁾ Preżenti nhar is-27 ta' Ġunju 2007.

⁽⁴⁾ Preżenti nhar it-28 ta' Ġunju 2007.

Osservatur:

Kuba: POLANCO

Kienu preżenti wkoll:

L-ANGOLA

COSTA DALA
TEMBU NZUANGA
SEBASTIAO ANDRE

IL-BARBADOS

GODDARD

IL-BENIN

DURAND-ADJAH

IL-BOTSWANA

BATLHOKI

IL-BURKINA FASO

LANKOANDE

IL-BURUNDI

KABURA
HABARUGIRA
KABOGOYE

IL-KAMERUN

BAH

IR-REPUBBLIKA AFRIKANA ĊENTRALI

YINIFOLO VANDENBOS

IL-KONGO (Ir-Repubblika tal- Kongo)

LEKOYI
OBIA
TSHIKA
MUDOYI

IL-KONGO (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo)

KIZIKI

IL-KOSTA TA' L-AVORJU

AMANI

IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA

AQUINO ACOSTARO
CEDANO

IL-GINEA EKWATORJALI

ANDEM ELA
NKA OBIANG
EVANA NDEME

L-ERITREA

TEKLE

L-ETJOPJA

ALI

IL-GABON

NDIMAL
MOUVAGHA TCHIOBA
MAKONGO
NDONG NGUEMA
POSSO
OGOMBE

IL-GANA

KUMI
OPPONG-NTITI

IL-GINEA

DIALLO

IL-HAITI

PIERRE
MELIUS
JACINTHE
DOREUS
JOSEPH NELSON

IL-ĠAMAJKA

BARKER-MURPHY

IL-KENJA

WAMBUA
MUTHAA
POGHISIO
SUMBEIYWO

IL-LESOTO

TIHELI
NYAPHISI

IL-LIBERJA

PENNOH
TELEWODA

IL-MALAWI

KALICHERO

IL-MALI

ASKIA

IL-MAWRITANJA

KAMARA
HAMOUD
BOÏLIL
ABDALLA
M'BARECK

IL-MAWRIZJU

GUNNESSEE

IN-NAMIBJA

DE WAAL
RUMPT
KATJAVIVI
NDADI

IN-NIGER

MAHAMADOU
ABDOURAHMANE
HABIBOU
CAZALICA

IL-PAPWA GINEA ĠDIDA

ABURU

IR-RWANDA

KAYINAMURA
GASANA
GAHAMANYI

IS-SIERRA LEONE

GOODWYLL

L-AFRIKA T'ISFEL

GIBSON
MAGAU
BASSON

IS-SUDAN

MUSTAFA
ALLOBA
BADRI
JERVASE

IS-SURINAM

HIWAT
RATHIPAL

IS-SWAŻILAND

DLAMINI

L-UGANDA

ACEMAH
AMONGI
DOMBO

IZ-ZAMBJA

MBEWE
MULENGA
SHITULIKA

KUNSILL AKP-UE

TSEKOA Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, President fil-Kariga tal-Kunsill AKP (Il-Lesoto)

WIECZOREK-ZEUL Ministru Federali għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, President fil-Kariga tal-Kunsill ta' l-UE (Il-Ġermanja)

KUMMISSJONI EWROPEA

MICHEL Membru tal-Kummissjoni b'responsabilità b'rabta ma' l-Iżvilupp u l-Għajjuna Umanitarja

PARLAMENT PAN-AFRIKAN

MONGELLA President tal-Parlament Pan-Afrikan

UNFPA, IL-BRAŻIL

HAKKERT

EESC (Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew)

AKOUETE

DANTIN

GAUCI

LISBEY

MAKEKA

CTA (Ċentru Tekniku għall-Biedja u għall-Iżvilupp Rurali)

BURGUET

BOTO

IS-SEGRETARJAT AKP

KAPUTIN Ko-Segretarju Ġenerali

IS-SEGRETARJAT TA' L-UE

NICKEL Ko-Segretarju Ġenerali

ANNEX III

L-ANNEX TAS-SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, IL-25 TA' ĠUNJU 2007

Akkreditament ta' rappreżentanti li m'humiex membri parlamentari

IL-KOMUNITÀ INDIPENDENTI TAD-DOMINIKA

Is-Sur A. THOMAS

Ministru Uffiċjal Għoli fis-Servizz Diplomatiku ta' l-Ambaxxata tad-Dominika, Brussell

IL-FIĠI

Is-Sur R.S.T. CAVUILATI

Ambaxxatur, l-Ambaxxata tal-Fiġi, Brussell

IL-ĠAMAJKA

Is-Sinjura V. MCNISH

Ambaxxatriċi, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, Kingston, il-Ġamajka.

IN-NIĠERJA

Is-Sur A.J. ADEFIDIPE

Ministru, l-Ambaxxata tan-Niġerja, Brussell

IL-PAPWA GINEA ĠDIDA

Is-Sur John BALAGETUNA

Direttur tar-Relazzjonijiet Inter-Parlamentari, il-Parlament Nazzjonali, il-Papwa Ginea Ġdida

IL-GŻEJJER SOLOMON

Is-Sur J. MA'AHANUA

Ambaxxatur, l-Ambaxxata tal-Gżejjer Solomon, Brussell

ANNEX IV

RIŻOLUZZJONIJIET LI ĠEW ADOTTATI

	Paġna
— dwar governanza tajba, trasparenza u responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali fil-pajjiżi AKP (ACP-EU/3937/07/fin.)	17
— dwar it-tnaqqis tal-faqar għall-bdiewa żgħar fil-pajjiżi AKP — b'mod partikolari fis-setturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-fjuri (ACP-EU/100.011/07/fin.)	25
— dwar l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa u l-effett tagħha fuq l-iżvilupp nazzjonali (ACP-EU/100.012/07/fin.)	31
— dwar is-sitwazzjoni f'Darfur (ACP-EU/100.075/07/fin.)	39

RIŻOLUZZJONI ⁽¹⁾**dwar governanza tajba, trasparenza u responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali fil-pajjiżi AKP**

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- f'laqgħa f'Wiesbaden (il-Ġermanja) mill-25 sat-28 ta' Ġunju 2007,
- wara li qieset l-Artikolu 17(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,
- wara li qieset il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou (Benin) nhar it-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat mill-ftehim li jemenda l-ftehim ta' sħubija, iffirmit fil-Lussemburgu nhar il-25 ta' Ġunju 2005 ("il-Ftehim ta' Cotonou"), u b'mod partikolari, l-Artikoli 9, 68, 96 u 97 tiegħu,
- wara li qieset il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda tal-31 ta' Ottubru 2003 kontra l-Korruzzjoni,
- wara li qieset it-twaqqif tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) f'Ruma nhar is-17 ta' Lulju 1998,
- wara li qieset id-Dikjarazzjoni tal-Ġnus Magħquda tas-16 ta' Diċembru 1996 kontra l-Korruzzjoni u t-Tixħim fit-Transazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali,
- wara li qieset il-Konvenzjoni Inter-Amerikana kontra l-Korruzzjoni adottata f'Caracas nhar id-29 ta' Marzu 1996,
- wara li qieset il-Konvenzjoni ta' l-Unjoni Afrikana dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni adottata mit-tieni seduta ordinarja ta' l-Assemblea ta' l-Unjoni Afrikana f'Maputo nhar il-11 ta' Lulju 2003,
- wara li qieset il-Konvenzjoni ta' l-OECD (Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp) tal-21 ta' Novembru 1997 dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fi Transazzjonijiet Internazzjonali b'rabta man-Negozju,
- wara li qieset il-liġijiet nazzjonali dwar il-ħasil tal-flus applikabbli għall-Istati AKP-UE,
- wara li qieset id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tat-2 ta' Marzu 2005 dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna,
- wara li qieset id-Dikjarazzjoni tat-2 ta' Ġunju 2003 mis-Summit G8 f'Evian intitolata "Il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u Titjib tat-Trasparenza" u wara li qieset id-Dikjarazzjoni adottata nhar it-8 ta' Ġunju 2007 fis-Summit G8 f'Heilighendamm (il-Ġermanja) "Żvilupp u Responsabilità fl-Afrika",

(¹) Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE nhar it-28 ta' Ġunju 2007 f'Wiesbaden (il-Ġermanja).

- wara li qieset ir-Rapport Speċjali Nru. 2/2005 tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri dwar l-għajnuna tal-baġit ta' l-EDF (Fond Ewropew għall-Iżvilupp) lill-pajjiżi AKP ⁽¹⁾,
- wara li qieset il-Gwida ta' l-IMF (Fond Monetarju Internazzjonali) dwar it-Trasparenza tad-Dħul mir-Riżorsi adottata f'Ġunju 2005,
- wara li qieset l-Analiżi dwar l-Industriji Estrattivi li saret mill-Bank Dinji fl-2004,
- wara li qieset l-40 rakkomandazzjoni tal-Forza tax-Xogħol għal Ħidmiet Finanzjarji (FATF) b'rabta mal-ħasil tal-flus,
- wara li qieset ir-riżultati tal-laqgħa plenarja ta' l-FATF li saret f'Vancouver mid-9 sat-13 ta' Ottubru 2006,
- wara li qieset l-Inizjattivi "Uri Kemm Tħallas" (PWYP) u "Uri Kemm Taqla" (PWYE),
- wara li qieset il-prinċipji u l-kriterji ta' l-Inizjattiva ta' Trasparenza ta' l-Industriji Estrattivi (EITI),
- wara li qieset l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni Ewropea għall-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-proċess ta' Kimberley għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' djamanti u wara li qieset l-involvement tal-pajjiżi AKP fil-proċess ta' Kimberley,
- wara li qieset il-Pjan ta' Ħidma ta' l-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-Governanza u l-Kummerċ b'rabta mal-Foresti (FLEGT) u r-Regolament tal-KE 2173/2005,
- wara li qieset l-Iskema ta' l-Afrika għall-Infurzar tal-Liġi u l-Governanza b'rabta mal-Foresti adottata fl-2003,
- wara li qieset ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-governanza fil-politika ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ u tas-6 ta' April 2006 dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna u l-korruzzjoni f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ⁽³⁾,
- wara li qieset ir-riżoluzzjonijiet tagħha ta' l-24 ta' Novembru 2005 dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou u dwar prodotti kummerċjali tal-biedja u tal-minjieri ⁽⁴⁾,
- wara li qieset il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2005 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali intitolata "Strateġija ta' l-UE għall-Afrika: Lejn ftehim bejn l-Ewropa u l-Afrika sabiex jitgħaġġel l-iżvilupp ta' l-Afrika",
- wara li qieset il-manwal tal-membri parlamentari dwar il-kontroll tal-korruzzjoni li tfassal mill-Organizzazzjoni Globali tal-Membri Parlamentari Kontra l-Korruzzjoni (GOPAC),
- wara li qieset l-Indiċi ta' l-2006 tal-Perċezzjonijiet dwar il-Korruzzjoni (CPI) ippubblikat nhar is-6 ta' Novembru 2006 f'Berlin minn *Transparency International*,
- wara li qieset ir-rapport tal-missjoni għas-sejbien tal-fatti mill-Burò tal-JPA (Assemblea Parlamentari Konġunta) fil-Mawritanja mit-23 sas-27 ta' Frar 2006,
- wara li qieset ir-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi (ACP-EU/3937/07/fin.),

⁽¹⁾ ĠU C 249, tas-7.10.2005.

⁽²⁾ ĠU C 103 E, tad-29.4.2004, p. 550.

⁽³⁾ Għadhom ma ġewx ippubblikati fil-ĠU.

⁽⁴⁾ ĠU C 136, tad-9.6.2006, p. 17.

- A. filwaqt li tappoġġja l-prinċipju b'rabta mar-responsabilità tal-gvernijiet lejn il-pajjiżi tagħhom u lejn iċ-ċittadini kollha tagħhom għall-immaniġġjar tad-dħul u l-infiq pubbliċi,
- B. billi l-benefiċċju ekonomiku u finanzjarju mnissel mill-utilizzazzjoni tal-benesseri naturali għandu jkun rifless f'żieda sostanzjali fl-iżvilupp uman,
- C. billi l-gvernijiet ta' pajjiżi b'riżorsi naturali bl-abbundanza għandhom id-dmir u r-responsabilità li jqisu bħala prijorità l-użu tad-dħul tagħhom sabiex jissodisfaw l-esiġenzi bażiċi tal-popolazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari fis-setturi tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni, u fil-għieda kontra l-faqar,
- D. billi governanza tajba għandha tqis il-fatt li dan id-dħul għandu valur miżjud bil-qabda ikbar meta r-riżorsi naturali jkunu pproċessati u mtejbjin fil-pajjiż innifsu milli meta jkunu esportati bħala materjal mhux ipproċessat,
- E. billi l-gvernijiet sovrani u l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għandhom ukoll id-dmir li jagħmlu użu mid-dħul li jitnissel mill-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali ta' pajjiżhom b'mod responsabbli għall-benefiċċju dirett ta' l-abitanti preżenti u tal-ġejjieni tiegħu,
- F. billi l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali tista' ssir biss forza għall-iżvilupp sostenibbli jekk l-impatt negattiv, soċjali u ambjentali tagħha jitnaqqas u jekk il-benefiċċji u l-ispejjeż tagħha jitqassmu b'mod ġust,
- G. billi l-popolazzjonijiet ta' pajjiżi b'riżorsi naturali bl-abbundanza għandhom id-dritt inaljenabbli li jibbenefikaw bl-iktar mod ġust possibbli mill-benesseri li jirriżulta u mill-potenzjal ta' l-iżvilupp ekonomiku,
- H. billi l-kumpaniji kkonċernati għandhom ukoll ir-responsabilità li jiżguraw li l-investimenti tagħhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi li qegħdin jipprovduhom riżorsi naturali bl-abbundanza,
- I. billi nuqqas ta' trasparenza dwar il-ħlasijiet — leġittimi — li huma jagħmlu lill-gvernijiet jirrappreżenta riskju konsiderevoli tan-negozju minħabba li jagħmilhom vulnerabbli għall-akkużi ta' kompliċità fimgiba korrotta u jżebblu l-leġittimità ta' l-attività tagħhom,
- J. billi gvernijiet Ewropej għandhom l-obbligu li jgħlbu prattiki bħal dawn,
- K. billi governanza ħażina u nuqqas ta' trasparenza b'rabta ma' l-immaniġġjar tad-dħul tal-gvern mir-riżorsi naturali x'aktarx jaggravaw il-korruzzjoni politika u jżidu r-riskji ta' approprjazzjoni bla dritt ta' fondi pubbliċi,
- L. konxja dwar iż-żieda fil-prezzijiet dinjin taż-żejt f'dawn l-aħħar 36 xahar u bid-dħul żejjed li rriżulta,
- M. billi d-dħul sostanzjali mill-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari ż-żejt, f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jista' joħloq żbilanċi ekonomiċi u soċjali serji, jaggrava l-inġustizzja soċjali u wkoll iħeġġeġ klima ta' vjolenza jekk ma jintużax kif suppost għall-benefiċċju tat-taqsimiet kollha tal-popolazzjoni u għall-għan ta' l-iżvilupp nazżjonali, u billi, fil-każ taż-żejt, hemm riskju ta' indikaturi ta' żvilupp għoli b'mod artifiċjali għad-detriment ta' indikaturi ta' l-iżvilupp uman,
- N. billi l-Parlament Ewropew adotta f'Marzu 2004 emenda għad-Direttiva dwar esiġenzi ta' trasparenza fil-waqt li stieden lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex iħeġġu lill-kumpaniji kkwotati fuq il-Borża Ewropea biex jipubblikaw il-ħlasijiet li għamlu lill-gvernijiet,
- O. billi t-titjib tal-governanza u tar-responsabilità fl-immaniġġjar tal-finanzi pubbliċi għandu t-tendenza li jnaqqas ir-riskji ta' konflitt b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali,

- P. billi żieda sinifikanti fit-trasparenza fiskali u l-qerda tal-korruzzjoni pubblika jistgħu jgħinu fit-tnaqqis tar-riskju politiku u fl-adozzjoni ta' ambjent iktar stabbli li jwassal għal investiment nazzjonali u barrani, b'mod partikolari fis-settur ta' l-industrija estrattivi, kif għe rrikonoxxut minn investituri istituzzjonali li jimmaniġġaw fondi li jirrappreżentaw total ta' 12.3 biljun EUR,
- Q. konxja li t-trasparenza fiskali u s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija huma marbutin, minħabba l-fatt li l-korruzzjoni u l-governanza ħażina f'pajjiżi li jipprovdu l-enerġija x'aktarx isaħħu s-sentimenti lokali ta' riżentiment lejn is-settur ta' l-enerġija u jqanqlu theddid għall-installazzjonijiet ta' l-enerġija, u għaldaqstant inaqqsu l-provvisti li jilhq u s-swieq dinjin,
- R. billi governanza ħażina u n-nuqqas ta' responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali jista' jkollhom konsegwenzi ambjentali serji bi qtugħ eċċessiv ta' zkuk li b'mod potenzjali jikkawża t-tiswir ta' deżert, bidliet klimatiċi oħrajn u ħsara ambjentali, li tolqot lill-bnedmin, lill-fawna u lill-flora,
- S. billi l-popolazzjonijiet ta' żoni li qegħdin jiġu utilizzati għar-riżorsi naturali ma jibbenefikawx biżżejjed mill-profitti li jirriżultaw u barra minn hekk ta' sikwit jintlaqtu mill-impatt ambjentali serju ta' attivitajiet bħal dawn, bħal ngħidu aħna tniġġis ta' l-arja, ta' l-ilma u tal-ħamrija,
- T. billi r-riżorsi naturali jinkludu mhux biss riżorsi minerali iżda wkoll fawna u flora, ilma nadif u arja nadifa, li għandhom jitħarsu jew jittejbu,
- U. konxja dwar l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' l-aqwa prattika konformi ma' l-ambjent fl-immangiġjar tar-riżorsi taż-żejt u tar-riżorsi naturali prinċipali tal-pajjiżi AKP,
- V. billi huwa importanti li ssir promozzjoni tal-valuri u tal-virtujiet bħal ngħidu aħna l-imparzjalità, l-integrità, ir-responsabilità, it-trasparenza u l-onestà fost l-uffiċjali pubbliċi, b'ħarsa li l-prattiki tal-korruzzjoni jsiru inkonċepibbli u impossibbli,
- W. billi l-insegwiment ta' l-integrità u tal-livelli etiċi huwa, fuq kollox, mod sabiex ikun żgurat li l-popolazzjoni tiġi pprovduta bis-servizzi li hi intitolata li tistenna mill-Istat b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali,
- X. konxja dwar l-esiġenza li jissaħħu l-ħiliet tal-parlamenti u ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv is-setgħat tagħhom ta' awtorità eżekuttiva ta' skrutinju u baġitarja,
- Y. billi pajjiż kien ikun mgħammar bir-riżorsi naturali, fl-imgħoddi dan il-fatt mhux dejjem kien jitqies bħala barka iżda ta' sikwit saħta għall-popolazzjonijiet milqutin fil-pajjiżi li m'għandhomx kontroll demokratiku, responsabilità u stat ta' dritt, fejn il-ġlieda għar-riżorsi nisslet il-korruzzjoni u konflitt vjolenti li kawża tagħhom, il-popolazzjonijiet lokali, ta' sikwit għaddeu minn tbatija,
- Z. billi t-talba li kulma jmur qiegħda tiżdied għar-riżorsi naturali permezz ta' ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw malajr bħaċ-Ċina għaġġlet it-taqbida internazzjonali għal riżorsi bħal dawn u ta' sikwit tawlet iż-żmien fil-gvern ta' reġimi mhux demokratiċi, ta' konflitti vjolenti u ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem,
- AA. billi ċerti kumpaniji qegħdin jonqsu milli jkunu konformi mal-Livelli Ewlenin tax-Xogħol ta' l-ILO (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol) li ntlaħaq ftehim dwarhom u huma responsabbli minn aċċidenti li jikkaġunaw il-mewt u mill-użu tax-xogħol li jsir mit-tfal; billi huma wkoll il-forza motriċi wara t-tneħħija tal-foresti li kulma jmur qiegħda tiżdied fl-Afrika, u l-qawmien f'daqqa fil-kummerċ illeċitu ta' l-avorju fl-Afrika, filwaqt li xi wħud kemm-il darba nqabdu jistadu b'mod illegali fl-ibħra ta' l-Afrika,

1. Tistieden lill-pajjiżi AKP sabiex jallokaw kull dħul mill-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex ikunu sodisfatti l-esiġenzi bażiċi tal-popolazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, ta' l-edukazzjoni, tal-konservazzjoni tar-riżorsi naturali u ta' l-ambjent, u għaldaqstant tingħata għajna fil-ksib ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs);
2. Tistieden lill-pajjiżi AKP u lil dawk Ewropej sabiex jirrispettaw u jimplementaw b'mod sħiħ id-definizzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou b'rabta mal-governanza tajba (l-Artikolu 9(3));
3. Tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fit-tassib tagħhom b'rabta mal-governanza tajba, sabiex jagħtu iktar importanza lill-iżvilupp tas-settur ta' l-ipproċessar fil-pajjiżi AKP milli lill-provvista ta' aċċess għar-riżorsi naturali lill-kumpanji Ewropej fil-pajjiżi AKP;
4. Tistieden lill-pajjiżi ta' l-Afrika u lill-grupp AKP sabiex jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' l-Unjoni ta' l-Afrika dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; tistieden lill-pajjiżi tal-Karibew sabiex jirratifikaw il-Konvenzjoni Inter-Amerikana kontra l-Korruzzjoni; tistieden lill-pajjiżi kollha AKP-UE sabiex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra l-Korruzzjoni u d-Dikjarazzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra l-Korruzzjoni u t-Tixħim fi Transazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali u sabiex iqiegħdu fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi għall-immonitorjar u l-implimentazzjoni effettivi tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 hawnfuq;
5. Titlob lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi ta' l-AKP sabiex jadottaw u jgħinu fit-tqegħid fil-prattika tal-prinċipji stipulati fl-inizjattivi privati għall-promozzjoni ta' governanza aħjar fl-immaniġġjar tad-dħul li jitnissel mir-riżorsi naturali bħall-EITI (Inizjattiva ta' Trasparenza ta' l-Industrija Estrattiva) u l-kampanji "Uri Kemm Tħallas" u "Uri Kemm Taqla";
6. Titlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE sabiex jipromwovu t-titjib u l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-EITI, b'mod partikolari billi jagħmlu mandatarji d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza, billi jniedu mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u jimplementaw il-5 kriterju li jshaq l-involvement dirett tas-soċjetà ċivili fl-EITI, u billi jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja lill-fond fdat ta' l-EITI;
7. Tistieden lill-pajjiżi ta' l-AKP sabiex jiżguraw li d-dħul qiegħed jintuża wkoll għad-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija tagħhom u għall-iżvilupp ta' l-attivitajiet ekonomiċi fi stadju iktar avanzat tal-proċess ta' produzzjoni iktar milli jkun ristrett għall-estrazzjoni tar-riżorsi naturali waħidhom;
8. Titlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tibgħat misjonijiet fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jipprovdu l-enerġija biex tgħinli bl-implimentazzjoni ta' l-EITI;
9. Titlob lill-pajjiżi AKP li b'mod formali ffirmaw l-inizjattiva EITI sabiex jipproċedu bl-implimentazzjoni fil-prattika ta' l-inqas kriterji tagħha, b'mod partikolari, il-ħames kriterju, billi jiżguraw li s-soċjetà ċivili tinsab f'pożizzjoni li tissodisfa l-irwol tagħha ta' sorveljanza mingħajr restrizzjonijiet u mingħajr biża' jew intimidazzjoni ta' kull tip;
10. Thegġegħ lill-pajjiżi kollha li għandhom provvista kbira ta' riżorsi, li huma firmatarji tal-Ftehim ta' Cotonou u li għandhom ma ssehbux b'mod formali ma' l-EITI sabiex jagħmlu dan u tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-gvernijiet AKP sabiex jimplementaw id-dispożizzjonijiet dwar it-trawwim ta' ħila tas-soċjetà ċivili ta' l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Cotonou u r-rakkomandazzjonijiet taż-żewġ Fora AKP tas-Soċjetà Ċivili li saru fl-2002 u f'April 2006;
11. Titlob lill-gvernijiet kollha AKP u ta' l-UE sabiex iħeġġu lill-investituri kollha biex jissiehu ma' l-EITI u jkunu konformi ma' inizjattivi u konvenzjonijiet oħrajn li jsaħħu l-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali;
12. Titlob lill-gvernijiet kollha AKP u ta' l-UE sabiex jistiednu wkoll lill-gvernijiet ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom bħall-konformità mal-livelli internazzjonali ewlenin tax-xogħol, l-abolizzjoni tax-xogħol li jsir mit-tfal, it-trażżin tal-proliferazzjoni ta' Armi Żgħar u Armi Ħfief (SALW), b'mod partikolari f'żoni ta' konflitt, u l-projbizzjoni ta' importazzjonijiet illegali ta' materjal mhux ipproċessat u ta' l-injam;

13. Titlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jagħtu l-ghajjnuna tagħhom għall-iżvilupp lill-pajjiżi li għandhom provvista kbira ta' riżorsi b'mod kondizzjonali fuq il-progress fil-qasam tal-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabilità b'rabta ma' l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali billi jiġbru flimkien u jimplimentaw b'mod attiv inizjattivi bħall-PWYP, il-PWYE u l-EITI;
14. Titlob lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jagħtu appoġġ lill-isforzi li jsiru mill-Istati Membri għall-promozzjoni tat-trasparenza fl-industrija estrattivi permezz ta' l-introduzzjoni ta' livelli xierqa tal-kontijiet u ta' dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kumpaniji, billi tingħata ħarsa lejn is-sostenn li ngħata mill-Parlament Ewropew f'Marzu 2004 lill-emenda tad-Direttiva dwar esigjenzi ta' trasparenza u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar l-istrateġija għall-Afrika;
15. Titlob lill-atturi kollha kkonċernati sabiex jimplimentaw livelli li jesiġu trasparenza u iktar responsabilità f'sistemi għall-immaniġġjar ta' l-infiq u tad-dħul pubbliċi, inklużi:
 - kontroll baġitarju mill-Parlament u l-korpi tiegħu,
 - verifika separata tal-baġits u ta' l-infiq pubbliku minn Qorti indipendenti ta' l-Awdituri,
 - trasparenza tal-baġits ta' l-Istat,
 - immonitorjar tad-dħul u ta' l-infiq tal-gvernijiet fi ħdan il-pajjiżi AKP,
 - ir-responsabilità ta' kumpaniji milqutin minn regoli dwar il-kxif ta' tagħrif;
16. Titlob lill-atturi kollha sabiex jiżguraw li l-gvernijiet ta' pajjiżi li jipprovdu l-enerġija li għaddew minn problemi serji ta' governanza u minn korruzzjoni ma jibbenefikawx minn għajjnuna mhux essenzjali, termini favorevoli tal-kummerċ jew vantaġġi oħrajn sakemm jibqgħu jipprovdu xhieda ta' impenn li jista' jkun kwantifikat għal trasparenza ikbar, b'mod partikolari b'rabta mal-baġit nazzjonali;
17. Tistieden lid-donaturi bilaterali u multilaterali kollha u lill-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni sabiex jiżviluppaw sett ta' kondizzjonijiet li m'humiex biss astratti iżda bbażati fuq l-obbligu fiduċjarju tal-gvernijiet lejn iċ-ċittadini tagħhom u fuq sistema ta' sħubija fejn l-ghajjnuna mhux umanitarja hija kondizzjonali fuq il-konformità ma' sensiela ta' kriterji speċifiċi nnegozjati b'mod konġunt u, b'mod partikolari, it-trasparenza pubblika dwar id-dħul mill-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali, bi qbil mal-prinċipji kkodifikati fil-*"Gwida ta' l-IMF dwar it-trasparenza tad-dħul mir-riżorsi"*;
18. Tistieden lill-Istati AKP-UE sabiex jiżguraw li l-promozzjoni tal-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali tkun is-suġġett ta' ħidmiet reċiproki u ta' kriterji nnegozjati b'mod konġunt fi ħdan id-djalogu politiku li hemm dispożizzjoni għalih fl-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou;
19. Titlob lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE sabiex jiżguraw li l-promozzjoni tat-trasparenza u ta' l-iskrutinju demokratiku b'rabta ma' l-użu tad-dħul fil-pajjiżi li jipprovdu l-enerġija lill-UE tkun prijorità ta' l-istrateġija Ewropea komuni dwar l-enerġija;
20. Tirrakkomanda li l-kwistjonijiet ta' governanza tajba, trasparenza u responsabilità b'rabta ma' l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali jidhru b'mod prominenti fl-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika' tal-ġejjieni;
21. Tħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' l-aqwa Prattika fl-immaniġġjar tar-riżorsi taż-żejt kif ikkodifikat fil-*"Gwida ta' l-IMF dwar it-trasparenza tad-dħul mir-riżorsi"*;
22. Titlob lill-gvernijiet u lill-parlamenti AKP u ta' l-UE sabiex jiżguraw li l-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali ma tikkawżax żbilanċi ekoloġiċi maġġuri; b'rabta ma' dan, tinnota bi tħassib li t-twaqqigħ eċċessiv ta' siġar jista' jwassal għat-tiswir ta' deżert u bidliet klimatiċi oħrajn, li kontribom għandha tittieħed azzjoni permezz ta' tawil ta' siġar f'foresti b'mod responsabbli u ta' Prattiki xierqa ta' tisgħir mill-ġdid, u tistieden lill-kumpaniji li jutilizzaw ir-riżorsi naturali sabiex ikunu konformi mal-livelli ambjentali;

23. Tistieden lill-gvernijiet, lill-parlamenti u lill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali sabiex jiżguraw li l-utilizzazzjoni legali tar-riżorsi naturali tiffirma parti minn pjan ta' ħarsien ambjentali mmirat lejn miżuri għall-ħarsien ta' l-arja, ta' l-ilma u tal-ħamrija u l-preservazzjoni tad-diversità fil-fawna u l-flora;
24. Titlob lill-gvernijiet kollha sabiex joħorġu liġijiet li jipprojbixxu l-importazzjoni ta' injam maqtuġh b'mod illegali; u intant ikunu żguri li proċeduri ta' ksib pubbliku jkunu ristretti għal injam minn sorsi sostenibbli u legali;
25. Tistieden lill-pajjiżi kollha li jipproduċu l-injam sabiex jiżguraw qtuġh sostenibbli ta' l-injam domestiku kollu, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-popolazzjonijiet lokali u jqisu l-impatt ambjentali;
26. Titlob lill-UE sabiex twestaq stħarriġ komprensiv u formali dwar it-taħwil ta' siġar f'foresti, issaħħaħ id-drittijiet ta' pussess u ta' aċċess għal artijiet tal-komunitajiet lokali, u tiżgura sehem pubbliku sinifikattiv;
27. Tħeġġeġ lill-pajjiżi kollha involuti fil-kummerċ tad-djamanti sabiex jissottoskrivu ruħhom b'mod sħiħ ma' l-iskema ta' ċertifikazzjoni ta' Kimberley għall-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħdumin; tenfasizza l-importanza li jsir progress lejn il-verifika indipendenti tal-konformità mill-pajjiżi li jieħdu sehem u mill-industrija tad-djamanti fi ħdan il-linji gwida tal-kummerċ tad-djamanti u li jkun żgurat li dawk li jieħdu sehem fil-proċess ta' Kimberley ikollhom il-ħila li jissorveljaw il-konformità mill-industrija tad-djamanti;
28. Tistieden lill-membri tal-Kunsill tal-UN (Ġnus Maġhquda) għas-Sigurtà sabiex jadottaw definizzjoni ta' 'riżorsi ta' konflitt' u jżidu l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali mal-mandat tal-Kummissjoni għall-Bini tal-Paċi;
29. Tħeġġeġ l-installazzjoni u l-użu xieraq ta' sistemi ta' tagħrif bħall-bank tad-dejta dwar il-minjieri;
30. Tenfasizza l-fatt li l-kumpaniji li qegħdin jutilizzaw ir-riżorsi naturali għandhom responsabilità li jipromwovu ambjent ekonomiku trasparenti li jirrispetta l-iżvilupp sostenibbli u li huwa fl-interess tagħhom li jagħmlu dan; tħeġġiġhom sabiex jieħdu inizjattivi kollettivi għal dan il-għan, bħaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji "nodfa";
31. Tenfasizza l-fatt li, skond l-Artikoli 96 u 97 tal-Ftehim ta' Cotonou, każijiet serji ta' korruzzjoni jistgħu jawsslu għal konsultazzjonijiet;
32. Tistieden lill-pajjiżi AKP sabiex iniedu dibattitu pubbliku nazzjonali dwar l-utilizzazzjoni tad-dħul mir-riżorsi naturali u l-ġustizzja soċjali;
33. Titlob lill-Istati AKP li jipproduċu ż-żejt sabiex jirrispettaw, jagħtu appoġġ u jħeġġu l-attivajiet ta' attivisti kontra l-korruzzjoni u ta' difensuri tat-trasparenza;
34. Tenfasizza l-irwol tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi AKP fil-promozzjoni tal-governanza tajba u tirakkomanda li dan l-irwol ikun irrikonoxxut u stabbilit b'mod uffiċjali fl-*"Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika"* tal-ġejjieni;
35. Tistieden lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali AKP u ta' l-UE, flimkien mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, sabiex jikkoperaw fit-twaqqif ta' sistema ta' kontrolli u bilanċi, inklużi proċeduri kriminali, sabiex tkun ibbilanċjata l-korruzzjoni min-naħa tal-gvernijiet u ta' l-amministrazzjonijiet;
36. Tħeġġeġ lill-gvernijiet, lill-istituzzjonijiet u lill-kapijiet politiċi kollha sabiex jallokaw proporzjon tad-dħul li jirriżulta mill-utilizzazzjoni b'mod responsabbli tar-riżorsi naturali sabiex jiżdied il-qligħ tal-ħaddiema taċ-ċivil, ta' l-uffiċjali tal-pulizija u tal-ħaddiema fis-setturi ekonomiċi rilevanti, b'ħarsa li l-korruzzjoni ssir inqas attraenti;
37. Tistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi AKP u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jagħtu appoġġ lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali AKP fix-xogħol tagħhom bħala awtorità baġitarja permezz tad-djalogu, ta' l-iskambju ta' tagħrif u tat-trawwim ta' ħila;
38. Titlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal komunikazzjoni li tiddefinixxi l-istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea għat-tisħiħ tad-demokrazija parlamentari u l-istat tad-dritt fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

39. Tħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi AKP sabiex jeżerċitaw pressjoni fuq il-gvernijiet tagħhom sabiex jegħlbu l-korruzzjoni interna u għaldaqstant jippromwovu governanza aħjar fl-immaniġġjar tad-dħul pubbliku permezz ta' l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni u mekkaniżmi indipendenti għall-immonitorjar immirati lejn trasparenza ikbar jew il-provvista ta' iktar aċċess għal tagħrif dwar l-użu u l-allokazzjoni tad-dħul li jitnissel mill-utilizzazzjoni tar-riżorsi naturali;
40. Tenfasizza l-fatt li huwa essenzjali wkoll li jissaħħu s-sistema ġudizzjali, il-ġudikatura indipendenti u l-istituzzjonijiet supremi tal-verifika fil-pajjiżi AKP;
41. Tistieden ukoll lill-parlamenti AKP sabiex jadottaw kodiċi speċifiċi ta' l-imġiba għal governanza tajba għall-prevenzjoni ta' kull riskju ta' korruzzjoni interna; temmen li l-pubblikazzjoni tad-dħul tal-membri parlamentari tista' wkoll tikkontribwixxi għal trasparenza ikbar;
42. Tistieden lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali sabiex jagħtu appoġġ u jħaffu l-azzjoni mir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili sabiex jingħelbu l-governanza ħażina u l-korruzzjoni billi jippermettulhom li jwettqu x-xogħol tagħhom taħt l-aqwa kondizzjonijiet u bl-ogħla libertà ta' azzjoni u billi jggarantulhom il-ħila, il-mezzi u r-riżorsi neċessarji;
43. Titlob lis-soċjetà ċivili u lill-parlamenti nazzjonali sabiex jieħdu sehem fl-immonitorjar baġitarju effettiv fl-għamla ta' għadd ta' sħarriġ ta' riċerka dwar l-infiq pubbliku (*PETS*) li jippreżentaw xebh iddettaljat bejn id-“dħul” u l-“ħruġ” fuq il-bażi tal-kriterji applikati mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (*DAC*) ta' l-OECD;
44. Temmen li ta' min jtfasslu indikaturi soċjali speċifiċi sabiex tinkiseb dejta iktar iddettaljata dwar il-kwalità tal-governanza miksuba mill-firmatarji tal-Ftehim ta' Cotonou u titlob għal trasparenza min-naħa ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti b'rabta ma' l-immaniġġjar tal-fondi li jirċievu;
45. Tistieden lill-gvernijiet, lill-istituzzjonijiet u lill-kapijiet politiċi kollha sabiex jiżguraw li l-uffiċjali jingħataw taħriġ speċjali u jsiru konxji dwar l-importanza ta' l-użu responsabbli u ta' l-utilizzazzjoni tajba għall-ambjent tar-riżorsi naturali;
46. Tenfasizza l-fatt li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-promozzjoni ta' klima ta' investiment iktar żgura; tistieden lill-Unjoni Ewropea bħala ko-chairman tal-programm ta' l-Infiq Pubbliku u tar-Responsabilità Finanzjarja (*PEFA*) — li jipprovdi qafas standard għall-evalwazzjoni tar-riskju fiduċjarju fil-pajjiżi benefiċjarji — sabiex tinkludi indikaturi tal-*PEFA* imfasslin sabiex ikejlu l-livell ta' korruzzjoni;
47. Titlob lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-livelli ta' korruzzjoni għaldaqstant misjubin bħala l-bażi tagħha għall-promozzjoni tal-governanza tajba u sabiex jingħataw bidu l-konsultazzjonijiet skond l-Artikoli 96 u 97 tal-Ftehim ta' Cotonou b'rabta ma' miżuri xierqa kontra reġimi korrotti; tenfasizza l-fatt li, madankollu, il-promozzjoni tal-governanza tajba m'għandhiex isservi bħala pretest sabiex ikunu imposti b'mod unilaterali kondizzjonijiet għall-għajnuna;
48. Tenfasizza s-sehem importanti li għandhom l-inizjattivi reġjonali fit-tnaqqis tal-korruzzjoni u fil-promozzjoni tal-governanza tajba, bħall-Mekkaniżmu ta' l-Afrika għal Analiżi minn Esperti (*APRM*); tenfasizza l-esiġenza tal-pajjiżi ta' l-Afrika li jimplementaw dawn l-inizjattivi u tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri sabiex jipprovdu għajnuna teknika u finanzjarja għal dan il-għan;
49. Titlob lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom ċentri finanzjarji sabiex jieħdu l-miżuri legali u amministrattivi kollha neċessarji biex jggarantixxu r-ripatrijazzjoni ta' fondi miksubin b'mod illegali lill-pajjiż ta' l-orijni;
50. Tagħti istruzzjonijiet lill-Ko-Presidenti sabiex iressqu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill AKP-UE, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni ta' l-Afrika, lill-Parlament Pan-Afrikan u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali, u lill-Organizzazzjoni Globali tal-Membri Parlamentari Kontra l-Korruzzjoni (*GOPAC*).

RIŻOLUZZJONI ⁽¹⁾**dwar it-tnaqqis tal-faqar għall-bdiewa żgħar fil-pajjiżi AKP — b'mod partikolari fis-setturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-fjuri**

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- flaqgħa f'Wiesbaden (il-Ġermanja) mill-25 sat-28 ta' Ġunju 2007,
 - wara li qieset l-Artikolu 17.1 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,
 - wara li qieset l-għanijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ffirmat f'Cotonou nhar it-23 ta' Ġunju 2000 fil-qasam tal-kummerċ u t-tnaqqis tal-faqar,
 - wara li qieset ir-rapport tal-UN (Ġnus Magħquda) dwar is-sigurtà ta' l-ikel f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ippreżentat mir-*Rapporteur* Speċjali tal-UN għall-Kummissjoni tal-UN għad-Drittijiet tal-Bniedem f'Marzu 2002 ⁽²⁾,
 - wara li qieset id-Dikjarazzjoni ta' Cape Town dwar negozjati AKP-UE tal-ġejjieni ta' arranġamenti ġodda tal-kummerċ,
 - wara li qieset l-impenn tas-*Summit* Dinji ta' l-Ikel ta' l-1996 li jitnaqqas l-għadd ta' nies mhux mitmuġhin biżżejjed bin-nofs sas-sena 2015, li għad fadal ħafna sabiex jintlaħaq ⁽³⁾,
 - wara li qieset id-dikjarazzjoni tal-UN marbuta ma' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u l-impenn tagħha li telimina l-faqar ⁽⁴⁾,
 - wara li qieset ir-Rapporti suċċessivi dwar l-Iżvilupp Uman imfasslin mill-Programm ta' Żvilupp tal-Ġnus Magħquda,
 - wara li qieset l-Analiżi ta' Nofs it-Terminu tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) min-netwerks reġjonali AKP ta' organizzazzjonijiet ta' bdiewa, ippubblikata nhar l-10 ta' Diċembru 2006 ⁽⁵⁾ u n-negozjati li qegħdin isiru bħalissa ta' l-EPA,
- A. billi, skond ir-rapport tal-UNCTAD (Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp) ta' l-2006 dwar LDCs (l-Inqas Pajjiżi Żviluppanti), l-għadd ta' nies li jgħixu f'faqar estrem sar iktar mid-doppju f'dawn l-aħħar tletin sena, filwaqt li għola minn 138 miljun fis-sittinijiet għal 334 miljun fl-2000 u, jekk jippersistu t-tendenzi kurrenti, l-għadd ta' nies li jgħixu b'inqas minn 1 US kuljum se jgħala minn 334 miljun għal 471 miljun sa l-2010,
- B. billi l-ġuħ, id-dgħufija fiżika minħabba nuqqas ta' ikel sustanzjuż, u l-esklużjoni ta' miljuni ta' nies minn aċċess għall-ikel huma konsegwenzi ta', fost affarijiet oħrajn, politiki ekonomiċi, tal-biedja u tal-kummerċ tal-gvern kemm fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw kif ukoll f'dawk industrijalizzati,
- C. billi l-biedja hija s-settur ekonomiku maġġuri għall-biċċa l-kbira tal-popolazzjonijiet AKP; billi l-mod kif jaqilgħu l-għajxien tagħhom jiddependi fuq il-produzzjoni tal-biedja u attivitajiet irrelatati, filwaqt li stima ta' 60 % tal-popolazzjoni tax-xogħol hija impjegata f'dan is-settur fil-pajjiżi AKP kollha; billi 73 % tal-popolazzjoni rurali fl-Afrika tikkonsisti minn bdiewa li għandhom fil-pussess medda art żgħira użata għall-biedja bħala mezz ta' għajxien, li għalihom is-sigurtà ta' l-ikel hija l-oġġla prijorità,

⁽¹⁾ Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE nhar it-28 ta' Ġunju 2007 f'Wiesbaden (il-Ġermanja).

⁽²⁾ Rapport (E/CN.4/2002/58) minn Jean Ziegler, ir-*Rapporteur* Speċjali tal-UN dwar id-dritt għall-ikel, għall-Kummissjoni tal-UN għad-Drittijiet tal-Bniedem.

⁽³⁾ Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar is-Sigurtà Dinjija ta' l-Ikel adottata fis-*Summit* Dinji ta' l-Ikel bejn it-13 u s-17 ta' Novembru 1996 f'Ruma, l-Italja.

⁽⁴⁾ Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-UN 55/2 adottata nhar it-18 ta' Settembru 2000 "Dikjarazzjoni tal-Millennju tal-Ġnus Magħquda".

⁽⁵⁾ Analiżi ta' Nofs it-Term tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs), kontribuzzjoni indipendenti tan-netwerks reġjonali ta' l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, l-10 ta' Diċembru 2006.

- D. billi d-diversità bijoloġika, il-biedja sostenibbli u s-sigurtà ta' l-ikel jiddependu b'mod assolut fuq ir-riko-noxximent tas-sovranià ta' l-ikel tal-pajjiżi AKP u l-ispazju tal-politika neċessarju għall-ħarsien tas-setturi ekonomiċi fraġli tal-pajjiżi AKP u d-drittijiet individwali u kollettivi tal-bdiewa li jaħżnu, ipartu, iqassmu u jtejbu ż-żrieragħ, sabiex tissaħħaħ il-produzzjoni ta' l-ikel,
- E. billi l-biċċa l-kbira ta' l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' esportazzjoni tal-biedja fil-pajjiżi AKP titwettaq bażikament minn farms żgħar immexxjin minn familji, li huma sensitivi ħafna għall-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet,
- F. billi l-biċċa l-kbira ta' l-esportazzjonijiet AKP tal-biedja tiddependi fuq prodott mhux ipproċessat jew tnejn li jġibu ftit valur miżjud għall-ekonomija, u għaldaqstant jagħmlu lill-ekonomiji tagħhom iktar u iktar vulnerabbli,
- G. billi, f'dawn l-aħħar 15-il sena, iċ-ċifri ta' l-iżvilupp għal esportazzjonijiet tradizzjonali tal-biedja bħall-kafè, il-kawkaw, il-ġild ikkunzati u l-ġilda majnaw fis-suq ta' l-UE meta mqablin ma' l-iżvilupp spetakolari (maqsum f'sitt partijiet) b'raba ma' prodotti ġodda bħall-fjuri u t-tkabbir ta' malajr ta' swieq żgħar fil-qasam tal-Kummerċ Ġust u l-prodotti organiċi, li qegħdin juru potenzjal kbir,

Tnaqqis ta' l-appoġġ domestiku u żieda ta' importazzjonijiet irħas

- H. billi l-Programmi ta' Aġġustament Strutturali li qegħdin jiġu implimentati mit-tmeninijiet wasslu għal tnaqqis fl-appoġġ tal-gvern għall-bdiewa u l-produzzjoni ta' l-ikel fuq skala żgħira u taw kontribuzzjoni b'raba mal-fatt li tiddgħajef il-biedja lokali,
- I. billi l-bidliet radikali tal-politika fis-sistema AKP tal-biedja jinkludu t-tneħħija tal-kontroll tal-prezzijiet fuq id-dħul u l-ħruġ tal-farms, tnaqqis drastiku fit-tariffi ta' l-importazzjonijiet, tnaqqis fl-appoġġ tal-gvern għat-tkabbir tal-biedja u s-servizzi veterinarji, irtirar ta' organizzazzjonijiet parastatali għall-promozzjoni kummerċjali tal-biedja u l-ftuħ tas-swieq domestiċi għall-kompetizzjoni esterna,
- J. billi bdiewa lokali AKP qegħdin jiġu mżebelhin minn importazzjonijiet ta' prodotti prinċipali għall-konsum domestiku, bħaċ-ċereali, il-ħalib, il-laħam, il-ħxejjex, u l-prodotti pproċessati,

Termini mhux ġusti tal-kummerċ

- K. billi l-ekonomija bbażata fuq l-esportazzjoni ta' ċerti għelejjel, b'mod inevitabbli ddetтата mill-kondizzjonijiet ġeo-klimatiċi u mill-art, qiegħda tqiegħed lill-popolazzjoni AKP fil-pożizzjoni paradossali ħafna li tipproduċi ikel għal swieq internazzjonali filwaqt li timporta prodotti prinċipali ssussidjati ta' l-ikel minn pajjiżi sinjuri sabiex tkopri l-esiġenzi lokali tagħhom,
- L. filwaqt li tosserva li d-dħul mill-esportazzjonijiet tal-pajjiżi AKP naqas għall-għexieren ta' snin li għaddew minkejja l-vantaġġ assolut tagħhom b'raba mal-prodotti tropikali, il-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet ta' prodotti kummerċjali kkawżaw kollass b'60 % fil-prezz ta' prodotti tropikali bħall-kafè, il-kawkaw, iż-żejt tal-palma u l-qoton, li qiegħed ikollu impatt soċjali u ekonomiku diżastruż fuq il-popolazzjonijiet AKP,
- M. billi l-proċess kurrenti tan-negożjati ta' l-EPA m'huwiex xieraq, b'mod partikolari b'raba mas-settur tal-biedja, minħabba d-differenzi enormi fil-produttività u fil-kompetittività bejn is-sitt reġjuni AKP u l-UE,
- N. filwaqt li tfakkar li r-relazzjonijiet tal-kummerċ AKP-UE għandhom l-għeruw tagħhom fil-ftehimiet ta' Yaoundé bejn dawk li qabel kienu s-setgħat kolonjali u l-eks kolonji tagħhom li fittxew li jiżguraw aċċess għall-Ewropa għal ċertu materjal mhux ipproċessat, filwaqt li jipprovdu lill-pajjiżi AKP b'awtlets li wieħed jista' joqgħod fuqhom u bi qligħ ta' valur mill-esportazzjonijiet fuq bażi stabbli li tista' tithabar minn qabel, b'mod partikolari skond il-Protokoll ta' Prodotti Kummerċjali,

L-impatt tal-bidla fil-klima

- O. billi, skond it-Tieni Rapport Dinji tal-UN dwar l-Iżvilupp ta' l-Ilma (2006), 75 % tal-popolazzjoni ta' l-Afrika tgħix f'reġjuni aridi jew semi aridi u madwar 20 % f'żoni fejn hemm fluttwazzjonijiet klimatiċi annwali fuq firxa wiesgħa,
- P. billi r-Rapport tal-Millennju ta' Evalwazzjoni ta' l-Ekosistema jikkonkludi li madwar 60 % ta' l-ekosistema dinjija, inklużi ilma frisk u stokkijiet tas-sajd, qiegħda tiġi ddegradata jew qiegħda tintuża b'mod mhux sostenibbli; billi, l-ifqar nies madwar id-dinja qegħdin ibatu l-iktar minħabba riżultat ta' dan, fil-waqt li l-iktar oqsma vulnerabbli huma l-ilma, il-biedja, is-saħħa umana, il-bijodiversità, u l-livelli ta' l-ibħra li qegħdin jogħlew,
- Q. billi l-għargħar u n-nuqqas ta' xita huma mistennija li jseħħu b'mod iktar frekwenti, filwaqt li jwasslu għall-ġuħ u għal diżordni fuq firxa wiesgħa tal-benesseri soċjo-ekonomiku, b'mod partikolari fl-Afrika, filwaqt li l-livelli ta' l-ibħra li jogħlew qegħdin jheddu l-vijabilità ta' ċerti gżejjer tal-Paċifiku,
- R. billi, skond ir-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni ta' l-IPCC (Penil Intergovernattiv għall-Bidla fil-Klima) ta' l-2007, il-bidla fil-klima fil-50 sena li ġejjin tista' timpedixxi l-ksib ta' l-MDGs, billi l-produzzjonijiet tal-biedja f'xi pajjiżi ta' l-Afrika x'aktarx jaqgħu sa 50 % sa l-2020 u billi l-provvisti ta' l-ilma tajjeb għax-xorb isiru mhux biżżejjed f'ċerti gżejjer żgħar fil-Karibew, fl-Afrika u fil-Paċifiku,

L-impatt ta' l-HIV/ta' l-AIDS

- S. billi, skond l-istimi ta' l-FAO (Organizzazzjoni ta' l-Ikel u tal-Biedja), 7 miljun ħaddiem tal-biedja mietu bl-HIV/bl-AIDS mill-1985, u 16-il miljun mewt oħra x'aktarx iseħħu fiż-żewġ perijodi li jmiss ta' għaxar snin kull wieħed fil-25 pajjiż iktar milqutin fl-Afrika,
- T. billi, fl-iktar għaxar pajjiżi milqutin ta' l-Afrika, huwa antiċipat tnaqqis tal-forza tax-xogħol b'rata ta' bejn 10 u 26 %, li jippreżenta theddida serja ħafna għas-saħħa pubblika u għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' l-Afrika, fejn il-biedja għandha rwol ċentrali,
- U. billi l-HIV/l-AIDS b'mod predominanti jolqtu l-forza produttiva tax-xogħol, billi jċaħħdu lir-reġjuni milqutin mill-produtturi ta' l-ikel u mill-bdiewa tagħhom, u billi jeqirdu s-settur tal-biedja għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin,
- V. billi l-kwistjonijiet tal-biedja fuq skala żgħira u ta' l-HIV/ta' l-AIDS huma marbutin b'mod intrinsiku, minħabba l-fatt li settur tal-biedja sostenibbli fuq skala żgħira huwa importanti, mhux biss għall-provvista tal-mezzi sabiex jitħallsu l-mediċini Kontra r-Retrovirusis (ARV), iżda wkoll għall-provvista tad-dieta bbilanċjata u sustanzjuża li hija neċessarja sabiex dawn il-mediċini jkunu effettivi,
- W. billi għandhom ikunu żviluppati strateġiji ta' tlaħħiq (aċċess għall-art, għall-kreditu u għall-mediċini) u għodod ġodda sabiex ikunu indirizzati l-esiġenzi speċifiċi tal-popolazzjonijiet rurali milqutin mill-marda li tinxtered, l-iktar l-anzjani, in-nisa u l-adulti mdgħajfin mill-marda,

Il-biedja bħala parti mill-politika nazzjonali għall-iżvilupp u l-koperazzjoni AKP-UE

- X. billi, minkejja l-fatt li l-maġġoranza tan-nies foqra fil-pajjiżi AKP jgħixu f'żoni rurali, la l-gvernijiet nazzjonali lanqas il-politika ta' l-UE għall-koperazzjoni fl-iżvilupp m'huma qegħdin jagħtu prijorità lill-iżvilupp tal-biedja u lill-iżvilupp rurali,
- Y. billi 4 pajjiżi AKP biss minn 78 għamlu lill-biedja bħala settur ta' prijorità taħt id-9 EDF (Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp),
- Z. billi 30.7 % tad-9 EDF ġie allokat lill-programmi ta' aġġustament strutturali, 21.4 % lit-trasport, 7 % biss lill-iżvilupp rurali u 1.1 % lil setturi rrelatati b'mod speċifiku mal-biedja,
- AA. billi, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-produtturi hija nisa, ebda rikonoxximent m'huwa jingħata lix-xogħol tagħhom u qiegħda tingħata fit wisq attenzjoni lill-esiġenzi speċifiċi tagħhom,
- AB. Billi, taħt l-10 EDF, jingħażlu żewġ setturi fokali biss għal kull pajjiż,

- AC. billi l-aċċess għall-kreditu huwa problema maġġuri għall-bdiewa żgħar u dan qiegħed ifixkel l-iżvilupp tagħhom,
- AD. billi bdiewa żgħar f'Żoni Inqas Vantaġġati għandhom jingħataw prijorità, minħabba li b'mod tradizzjonali ma bbenefikawx mill-appoġġ għall-biedja; billi l-prinċipju ta' sussidjar u ta' investiment f'Żoni mbiegħda u mċaħħda huwa prinċipji stabbilit sew tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE,
- AE. billi l-UE tinsab bħalissa fil-proċess li tiżviluppa Strateġija ta' "Għajnuna għall-Kummerċ" li tista' tirriżulta f'appoġġ miżjud għall-bdiewa fuq skala żgħira,
1. Tqis li l-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp AKP-UE għandha tkun ibbażata fuq ir-rikonoxximent tad-dritt tal-pajjiżi AKP li jħarsu l-biedja tagħhom sabiex jiggwarantixxu qligħ diċenti għall-bdiewa żgħar, żieda fil-produzzjoni lokali u jiggwarantixxu s-sigurtà ta' l-ikel, filwaqt li jippermettu opportunitajiet selettivi tas-suq, kif kien il-każ fl-Ewropa;
 2. Temmen li l-ġlieda kontra l-faqar u n-nuqqas ta' sigurtà ta' l-ikel għandhom jindirizzaw il-kawżi strutturali tal-faqar f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u, għal din ir-raġuni, titlob għal miżuri għall-promozzjoni ta' l-aċċess għar-riżorsi ta' l-art, ta' l-ilma u tal-bijodiversità u għat-tħeġġiġ ta' politika ta' appoġġ lokali għal meded art żgħar sostenibbli tal-biedja;
 3. Tappoġġja lid-Dikjarazzjoni ta' Maputo ⁽¹⁾ tal-Kapijiet ta' l-Istat ta' l-Afrika, li tirrikonoxxi l-irwol ċentrali tal-biedja fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esiġenza għal żieda ta' 10 % f'appoġġ baġitarju f'dan is-settur;
 4. Temmen li l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa għandhom ikunu rrikonoxxuti bħala atturi importanti f'inizjattivi li jolqtu lis-setturi rurali u tal-biedja u għandhom ikunu inklużi fil-grupp mhux governattiv ikkonsultat b'mod regolari mill-KE; temmen, b'mod partikolari, li l-interessi ta' bdiewa ta' sussistenza fuq skala żgħira għandhom ikunu rrappreżentati b'mod xieraq;

Orjentazzjoni mill-ġdid tal-finanzjament ta' l-EDF

5. Titlob kemm lill-pajjiżi ta' l-UE kif ukoll AKP sabiex jorjentaw mill-ġdid il-politika tagħhom billi jqiegħdu l-biedja fil-qalba ta' l-iprogrammar ta' l-EDF sabiex jitqies il-fatt li l-maġġoranza tan-nies foqra fil-pajjiżi AKP tgħix fil-kampanja;
6. Tistieden lill-UE sabiex tappoġġja t-trasformazzjoni strutturali tal-produzzjoni f'pajjiżi foqra lil hinn minn ekonomija mmexxija mill-esportazzjoni u lejn strateġija ta' żvilupp sostenibbli intra-reġjonali, billi tqis l-esiġenza reali tal-popolazzjonijiet u tfitteż li tnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi industrijalizzati u tibni swieq domestiċi u reġjonali;
7. Ittenni l-importanza li jkunu disponibbli biżżejjed mezzi għat-tħaffif tal-konformità mar-regoli bħal dawk marbutin mat-twaħħil ta' tikketti, ma' l-ippakkjar u mar-rekwiżiti tas-saħħa pubblika għal prodotti li ġejjin minn bdiewa żgħar u li jiġu esportati għal swieq reġjonali u ta' l-UE, u għall-provvista ta' taħriġ xieraq għall-bdiewa;
8. Ittenni l-importanza li jkunu disponibbli mezzi xierqa għall-bdiewa żgħar, b'mod partikolari għan-nisa, sabiex jinvestu fit-titjib ta' proċessi ta' produzzjonijiet lokali;
9. Tirrakkomanda li jkunu disponibbli iktar mezzi għall-organizzazzjonijiet li jservu lill-komunitajiet rurali u lill-produtturi billi jkun ipprovdut finanzjament ta' l-EDF skond il-Ftehim ta' Cotonou AKP-UE;
10. Titlob għall-għajnuna ta' l-EDF għall-konverżjoni għall-biedja organika, fejn possibbli u għall-biedja tal-Kummerċ Ġust fejn xieraq, għall-promozzjoni ta' produzzjoni sostenibbli għall-futur imbiegħed kif ukoll sabiex jiddied id-dħul tal-bdiewa għal kull kilogramm prodott;

⁽¹⁾ Dikjarazzjoni ta' Maputo `Flimkien infasslu l-ġejjieni tagħna, ir-4 Summit tal-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern AKP, Maputo, il-Możambik, it-23 u l-24 ta' Ġunju 2004 (AKP/28/010/04 finali).

11. Titlob għall-ghajjnuna ta' l-EDF sabiex tippermetti l-użu ta' teknoloġija moderna għad-desalinizzazzjoni ta' l-ilma tal-baħar u għat-titjib tal-kwalità ta' l-ilma fiż-żoni kollha fejn l-ilma huwa skars;
12. Titlob għall-ghajjnuna ta' l-EDF għat-tnaqqis ta' l-użu ta' pestiċidi intensivi b'rabta mal-kapital u fertilizzanti sintetiċi favur iktar sorsi alternattivi sostenibbli ta' nutrimenti u prodotti għall-ħarsien tal-pjanti adattati għall-esiġenzi lokali;
13. Titlob sabiex l-esiġenzi ta' bdiewa ta' sussistenza fuq skala żgħira jitqiegħdu f'ordni ta' prijetà fil-politiki ta' l-istrategġija ta' l-iżvilupp AKP u ta' l-UE, minħabba l-fatt li huma jsawru perċentwal għoli ta' bdiewa AKP u huma vulnerabbli b'mod partikolari;

Termini mhux ġusti tal-kummerċ

14. Tqis li xi ftehimiet tal-kummerċ ħieles bejn imsieħba mhux indaqs aggravaw il-faqar u qegħdin ikollhom impatt avvers fuq is-sigurtà ta' l-ikel u qegħdin jikkontribwixxu għad-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' xi stati AKP li jagħmlu profitt nett mill-importazzjoni ta' l-ikel; tistieden lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jerfġu r-responsabilitajiet tagħhom b'rabta ma' dan filwaqt li jqisu l-allokazzjoni tar-riżorsi fi ħdan iż-żieda ta' l-ODA (Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp) lill-esiġenzi ta' aġġustament irrelatati mal-kummerċ;
15. Tosserva li l-pakkett tal-politika dwar il-kummerċ ħieles iddisinjat mid-donaturi, li jinkludi tnaqqis drastiku tat-tariffi ta' l-importazzjoni, irriżulta f'iktar importazzjonijiet ta' l-ikel f'bosta pajjiżi ta' l-Afrika: irross impurtat fil-Burkina Faso żdied minn 99 000 tunnellata fl-1996 għal 137 808 tunnellati fl-2000 u l-produzzjoni lokali tar-ross li jikber fl-għelieqi naqset minn 111 700 tunnellata fl-1997 għal 66 300 tunnellata fl-2001, b'importazzjonijiet tar-ross illum il-ġurnata fil-Kamerun li jkopru 87 % ta' l-esiġenza tal-popolazzjoni fuq spejjeż tal-produtturi lokali;

EPAs u integrazzjoni reġjonali mmexxija mill-pajjiżi AKP

16. Tistieden lill-pajjiżi AKP sabiex jiksbu integrazzjoni reġjonali fis-sod, li tiffunzjona, sostenibbli u komplementari qabel ma jqisu Ftehim tal-Kummerċ Ħieles ma' l-UE u/jew oħrajn u tqis li integrazzjoni reġjonali mmexxija mill-pajjiżi AKP għandha tkun kondizzjoni minn qabel għall-konklużjoni ta' EPAs orjentati lejn l-iżvilupp;
17. Tinnota b'sorpriża li l-konfigurazzjonijiet reġjonali għall-immaniġġjar ta' negozjati ta' l-EPA mhux dejjem jikkorrispondu għal strutturi reġjonali eżistenti li fihom bħalissa qegħdin jaħdmu l-pajjiżi AKP;
18. Tistieden lill-partijiet involuti fin-negozjati ta' l-EPA li qegħdin isiru bħalissa sabiex jiżguraw li jżommu u jkunu konformi ma' l-obbligu li jkunu salvagwardati l-benefiċċji msaħħin mill-garanzji li jidhru fl-arranġament eżistenti tal-kummerċ sabiex ebda Stat AKP ma jkun f'qagħda agħar fl-EPAs tal-ġejjieni;
19. Tqis li n-negozjati kurrenti tal-kummerċ ħieles ta' l-EPA jstgħu jkunu ta' theddida serja għall-produzzjoni lokali ta' l-AKP jekk iwasslu għal kompetizzjoni bejn żewġ sistemi tal-biedja li huma differenti ferm f'termini ta' produttività, politika u sussidjarjetà ta' l-UE, u tħeġġeġ lill-UE sabiex tqis l-opinjoni ta' gvernijiet lokali;
20. Tenfasizza l-fatt li l-kummerċ ħieles bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar jiġbor fih il-ħlas ta' prezz ġust għar-riżorsi u l-prodotti tal-biedja tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jiġifieri prezz li jirrifletti l-ispejjeż interni u esterni, filwaqt li jirrispetta l-inqas kriterji li jiġgvernaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi tal-forza tax-xogħol u l-ħarsien ambjentali; tħeġġeġ lill-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Kummerċ Ħieles bi qbil ma' l-impenn li hemm fl-Artikolu 23(g) tal-Ftehim ta' Cotonou;
21. Tenfasizza l-esiġenza li jiġu appoġġjati l-proċessi ta' żvilupp pubbliċi u reġjonali fil-pajjiżi AKP; titlob għat-tisħiħ ta' strutturi lokali u ta' netwerks reġjonali għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-biedja;
22. Tħeġġeġ bis-saħħa li jkunu żviluppjati u utilizedati strumenti ta' finanzjament disponibbli b'mod ġenerali għal produtturi dgħajfin b'mod finanzjarju; tenfasizza l-importanza ta' programmi ta' self ta' daqs żgħir u medju għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp rurali u sabiex ikunu appoġġjati l-produtturi lokali, il-kooperattivi lokali u t-twaqqif ta' negozji, b'mod partikolari min-nisa;

Bidla fil-klima

23. Tenfasizza l-impatt qerriedi tal-bidla fil-klima fuq pajjiżi vulnerabbli, l-iskala ta' emerġenzi ta' l-ikel li jseħħu kull sena fl-Afrika li saru t-triplu min-nofs it-tmeninijiet, u fl-2006 biss iktar minn 25 miljun Afrikan ħabbtu wiċċhom ma' kriżijiet ta' l-ikel;
24. Tinnota li studju ta' l-2005 mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) stabbilixxa rabta diretta bejn il-bidla fil-klima globali u rati miżjudin tal-malarja, ta' dgħjufija fiżika minħabba nuqqas ta' ikel sustanzjuż, u tad-dijarea, filwaqt li bassar li l-mard u perikli oħrajn għall-bniedem se jżiedu iktar malajr fl-Afrika, minħabba li m'hijiex m'għammra sew biex tlaħħaq magħhom;
25. Tistieden lill-pajjiżi AKP u ta' l-UE sabiex iqiegħdu l-bidla fil-klima fil-qalba tal-politika ta' l-iżvilupp strateġiku u jindirizzaw it-theddida tat-tisħin globali għall-produzzjoni ta' l-ikel, li rapport tal-UN bassar li se taqa' għal 5 % sa l-2080, filwaqt li bejn 25 % u 40 % tal-habitats naturali ta' l-Afrika jistgħu jintilfu wkoll, u 30 % ta' l-infrastruttura tal-kosta tagħha tinqered;
26. Tistieden lill-UE sabiex twettaq l-għan tagħha li tiżgura l-ogħla żieda fit-temperatura ta' 2 gradi, in-nefqa neċessarja ta' investiment li għandha tintlaħhaq mill-pajjiżi industrijalizzati;
27. Titlob studju ta' l-impatt ambjentali ta' ftehimiet ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ sabiex tidentifika l-ispejjeż ekoloġiċi tagħhom u l-impatt tagħhom fuq is-sigurtà ta' l-ikel, ir-riżorsi ta' l-enerġija, u t-tisħin globali;

Ġlieda kontra l-HIV/l-AIDS

28. Tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar l-effett perikoluż potenzjali ta' l-HIV/ta' l-AIDS fuq l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi AKP, u b'mod partikolari l-impatt tiegħu fuq il-biedja ta' sussistenza u kummerċjali minħabba forza tax-xogħol rurali li kulma jmur qiegħda tonqos, u t-telf ta' dawk b'għarfien dwar il-biedja u ta' ħaddiema tas-sengħa, li jirriżultaw f'waqgħa fil-produttività, inqas opportunitajiet ta' l-impjieġ u nuqqas ta' sigurtà ta' l-ikel;
29. Tqis li l-ġlieda kontra l-HIV/l-AIDS għandha tkun kwistjoni fundamentali għall-gvernijiet AKP u għall-politiki ta' żvilupp ta' l-UE, sabiex ikunu jistgħu jittrattaw il-konsegwenzi qerredin ta' l-HIV/ta' l-AIDS fuq is-sigurtà ta' l-ikel u l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u li miżuri sabiex jingħelbu l-HIV/l-AIDS, għal din ir-raġuni, għandhom ikunu marbutin ma' programmi tal-biedja u għall-iżvilupp rurali;
30. Tqis li l-valur għoli tal-mediċini sabiex jingħelbu l-HIV/l-AIDS u mard ieħor li jista' jitfejjaq jippreżenta theddida serja għall-produzzjoni tal-biedja u għall-iżvilupp tas-settur rurali fil-pajjiżi AKP;

Li tkun appoġġjata l-biedja u li l-popolazzjoni timtela b'fiduċja fil-ġejjieni

31. Tenfasizza li l-politiki ta' aġġustament strutturali segwiti mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u appoġġjati mill-Unjoni Ewropea mit-tmeninijiet, li huma bbażati biss fuq id-deflazżjoni ekonomika permezz ta' miżuri monetarji, l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' l-ekonomija tas-suq u inqas involviment ta' l-istat, m'humix ekwivalenti għall-biċċa xogħol li jitnaqqas il-faqar;
32. Titlob għall-eliminazzjoni tas-sussidji kollha ta' l-UE b'rabta ma' l-esportazzjoni minħabba li b'mod gravi qegħdin iżebilħu l-produzzjoni lokali ta' l-ikel;
33. Tilqa' f'dan il-kuntest id-deċiżjoni li ttieħdet mill-UE fil-konferenza ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) f'Hong Kong fl-2005 għall-abolizzjoni tas-sussidji b'rabta ma' l-esportazzjonijiet tal-biedja sa l-2013, u tħeġġeġ li jsir progress fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet li ttieħdu;
34. Titlob għal impenn mill-Istati Membri ta' l-UE u mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jindirizzaw il-kawżi strutturali ta' emigrazzjoni massiva billi jbiddu l-politiki kurrenti tagħhom, inkluż il-fatt li jixħtu l-prodotti ta' l-UE fis-swieq ta' pajjiżi tat-tielet dinja, sabiex jippermettu lill-pajjiżi Afrikani li jħarsu u jibnu l-ekonomiji tagħhom, jiggarantixxu qligħ diċenti għall-popolazzjonijiet tagħhom, u għaldaqstant joffru prospettu aħjar għall-ġejjieni;
35. Tagħti istruzzjonijiet lill-Ko-Presidenti tagħha sabiex iressqu din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill AKP-UE u lill-Kummissjoni Ewropea.

RIŻOLUZZJONI ⁽¹⁾**dwar l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa u l-effett tagħha fuq l-iżvilupp nazżjonali**

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- flaqgħa f'Wiesbaden (il-Ġermanja) mill-25 sat-28 ta' Ġunju 2007,
- wara li qieset l-Artikoli 177, 178, 179, 180, 181 u 181a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,
- wara li qieset l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou nhar it-23 ta' Ġunju 2000 (il-"Ftehim ta' Cotonou") ⁽²⁾, u emendat fil-Lussemburgu nhar il-25 ta' Ġunju 2005 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu dwar l-emigrazzjoni,
- wara li qieset il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni intitolata "Emigrazzjoni u Żvilupp: xi orjentazzjonijiet konkreti" ⁽⁴⁾,
- wara li qieset il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Strateġija ta' l-UE għal Azzjoni dwar il-Kriżi fir-Riżorsi Umani għas-Saħħa f'Pajjiżi li qegħdin Jiżviluppaw" ⁽⁵⁾,
- wara li qieset il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill intitolata "Kontribut lill-Pożizzjoni ta' l-UE għad-Djalogu ta' Livell Għoli tal-Ġnus Magħquda dwar l-Emigrazzjoni u l-Iżvilupp" ⁽⁶⁾,
- wara li qieset il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "L-approvċ globali għall-emigrazzjoni sena wara: lejn politika Ewropea komprensiva dwar l-emigrazzjoni" ⁽⁷⁾,
- wara li qieset il-Pjan tal-Politika tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Emigrazzjoni Legali ⁽⁸⁾,
- wara li qieset is-Summit tal-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern ta' l-Unjoni ta' l-Afrika (AU), li sar f'Khartoum nhar it-23 u l-24 ta' Jannar 2006, li afferma mill-ġdid il-firxa u l-impatt ta' l-emigrazzjoni fuq l-iżvilupp,
- wara li qieset ir-rapport adottat mis-sessjoni plenarja tal-Laqgħa ta' l-Esperti mill-UE, mill-Amerka Latina u mill-Karibew dwar l-Emigrazzjoni f'Marzu 2006,
- wara li qieset id-Dikjarazzjoni ta' Brussell u l-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Refuġju, l-Emigrazzjoni u l-Mobiltà, adottati fl-ewwel Laqgħa tal-Ministri AKP responsabbli mir-Refuġju, l-Emigrazzjoni u l-Mobiltà, li saret fi Brussell nhar it-13 ta' April 2006,
- wara li qieset id-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Afrika u l-UE dwar l-Emigrazzjoni u l-Iżvilupp, adottata fil-Konferenza Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika li saret fi Tripli nhar it-22 u t-23 ta' Novembru 2006,
- wara li qieset ir-riżultat tal-Konferenza Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika dwar l-Emigrazzjoni u l-Iżvilupp li saret f'Rabat nhar l-10 u l-11 ta' Lulju 2006,
- wara li qieset ir-riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda dwar "L-emigrazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali" ⁽⁹⁾,
- wara li qieset il-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Diċembru 2005, ta' Marzu 2006 u ta' Diċembru 2006,

⁽¹⁾ Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE nhar it-28 ta' Ġunju 2007 f'Wiesbaden (il-Ġermanja).

⁽²⁾ ĠU L 317, tal-15.12.2000, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 287, tat-28.10.2005, p. 4.

⁽⁴⁾ KUMM(2005)0390.

⁽⁵⁾ KUMM(2005)0642.

⁽⁶⁾ KUMM(2006)0409.

⁽⁷⁾ KUMM(2006)0735.

⁽⁸⁾ KUMM(2005)0669.

⁽⁹⁾ A/RES/61/208.

- wara li qieset ir-riżultat tad-Djalogu ta' Livell Għoli ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda dwar l-Emigrazzjoni u l-Iżvilupp, li sar fi New York nhar l-14 u l-15 ta' Settembru 2006,
 - wara li qieset ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda intitolat "Emigrazzjoni u żvilupp internazzjonali" ⁽¹⁾,
 - wara li qieset ir-rapport ta' Ottubru 2005 mill-Kummissjoni Globali dwar l-Emigrazzjoni Internazzjonali intitolat "L-emigrazzjoni f'dinja magħquda flimkien: Direzzjonijiet ġodda għal azzjoni" ⁽²⁾,
 - wara li qieset ir-rapport ta' Ġunju 2006 ta' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) intitolat "L-effetti ta' l-emigrazzjoni fuq il-pajjiżi li minnhom jitlequ l-emigranti: x'naflu dwar dan?",
 - wara li qieset ir-rapport ta' l-2002 ta' l-OECD intitolat "Mobiltà internazzjonali tal- ħaddiema ta' sen- għa ta' livell għoli",
 - wara li qieset ir-rapport tal-Bank Dinji intitolat "Prospetti Ekonomiċi Globali ta' l-2006: Implikazzjoni- jiet Ekonomiċi tar-Rimessi u ta' l-Emigrazzjoni" ⁽³⁾,
 - wara li qieset ir-Rapport dwar l-Iżvilupp Uman ta' l-2001' tal-Programm ta' l-Iżvilupp tal-Ġnus Magħ- quda (UNDP),
 - wara li qieset ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2006 dwar l-iżvilupp u l-emigraz- zjoni ⁽⁴⁾,
 - wara li qieset l-Artikolu 17(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,
 - wara li qieset ir-rapport mill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u għall-Ambjent (ACP-EU/100.012/07/ fin.),
- A. billi d-dritt ta' individwi li jmorru jgħixu barra minn pajjiżhom huwa dritt uman inaljenabbli,
- B. billi l-emigrazzjoni internazzjonali saret kwistjoni ta' prijorità fuq l-aġenda internazzjonali, li dan l- aħħar għet indirizzata minn dawk li jfasslu l-politika fuq livelli globali, Ewropej, u Ewro-Afrikani u fuq livelli ta' nazzjonijiet stati Ewropej u AKP, u jeżisti rikonoxximent li kulma jmur qiegħed jiżdied li l- emigrazzjoni u l-iżvilupp huma marbutin mill-qrib fuq livell globali u li jinfluwenzaw lil xulxin,
- C. billi jeżisti kunsens li kulma jmur qiegħed jikber foqhma politiki li mmaniġġjar aħjar ta' l-emigrazzjoni- jiet jista' jiġġenera kisbiet importanti ħafna, forsi iktar importanti mit-tneħħija ta' l-ostakli dinjin tal- kummerċ,
- D. billi l-Ewropa, kemm fuq livell tal-Komunità kif ukoll ta' Stat Membru, għadha ma adottatx politika integrata dwar l-emigrazzjoni, b'politiki dwar l-emigrazzjoni, l-iżvilupp, il-kummerċ u s-sigurtà mma- niġġjati minn dipartimenti varji mhux ikkoordinati,
- E. billi m'hemm ebda kunsens internazzjonali dwar l-impatt attwali ta' l-emigrazzjoni tal-ħaddiema ta' sen- għa (ta' livell għoli) għall-pajjiżi ta' l-oriġni u d-dibattitu dwar dawn l-istess ħaddiema' għadu mmarr- kat minn ammont konsiderevoli ta' konfużjoni u frustrazzjoni, l-iktar minħabba n-nuqqas ta' dejta ta' l-istatistika ta' min wieħed joqgħod fuqha u n-nuqqas ta' studji ta' evalwazzjoni ta' l-impatt dwar rakko- mandazzjonijiet politiki potenzjali sabiex ikun indirizzat il-fenomeni ta' "l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa",
- F. billi l-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa għadha ma għetx indirizzata biżżejjed fil- qafas tad-djalogu UE-AKP,
- G. billi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi AKP 'il fuq minn 10 % tal-popolazzjoni ta' l-adulti li rċewew edukazzjoni terzjarja emigrat lejn l-UE, it-Tramuntana ta' l-Amerka u pajjiżi żviluppatti oħrajn, u l-Afrika fin-nofs- inhar tad-deżert tas-Sahara hija r-reġjun l-iktar milqut b'mod sever mill-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas- sengħa, billi kważi r-reġjun kollu huwa xhieda ta' rata ta' popolazzjoni li rċeviet edukazzjoni terzjarja li tgħix f'pajjiżi ta' l-OECD 'il fuq minn 20 % ⁽⁵⁾, u xi pajjiżi żgħar jilhqgħu rata drammatika ta' 80 % ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ A/60/871.

⁽²⁾ www.gcim.org.

⁽³⁾ <http://www.worldbank.org/globaloutlook>.

⁽⁴⁾ P6_TA(2006)0319.

⁽⁵⁾ OECD "L-effetti ta' l-emigrazzjoni fuq il-pajjiżi li minnhom jitlequ l-emigranti: x'naflu dwar dan?" (2006).

⁽⁶⁾ Rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda intitolat "Emigrazzjoni u żvilupp internazzjonali" (A/60/871).

- H. billi, filwaqt li ċ-ċentri ewlenin ta' l-emigrazzjoni huma l-Asja u l-Amerka Latina, l-emigranti ta' l-Ewropa ta' senġha ta' livell għoli ġejjin l-iktar mill-Afrika (13.5 % tar-residenti ta' l-UE ta' senġha ta' livell għoli twieldu f'pajjiżi mhux ta' l-OECD) ⁽¹⁾,
- I. billi dejta ta' l-istatistika dwar flussi ta' l-emigrazzjoni minn xi pajjiżi fl-Afrika hija ta' sikwit mhux kompleta u mhux aġġornata, filwaqt li ċċaħħad lil dawk li jfasslu l-politika minn għodda importanti li biha jittieħdu d-deċiżjonijiet,
- J. billi l-UNDP (Programm ta' Żvilupp tal-Ġnus Magħquda) stqarr li l-kwistjoni ta' emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-senġha tirrappreżenta telf ta' biljuni ta' dollari għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ⁽²⁾, minħabba l-importanza ta' l-għarfien bħala fattur deċiżiv ta' l-iżvilupp f'dinja żviluppata globalment,
- K. billi fl-Afrika fin-nofsinar tad-deżert tas-Sahara, il-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-senġha tista' twassal għal nuqqas ta' xogħol f'setturi vitali, b'mod partikolari fis-saħħa u fl-edukazzjoni, b'konsegwenzi qerredin fuq il-provvista u l-kwalità ta' servizzi essenzjali bħal dawn,
- L. billi t-tluq ta' emigrant tas-senġha jfisser għall-pajjiż ta' l-oriġni, it-telf tad-dħul mit-taxxa u l-aġħar xenarju telf, l-aħjar xenarju ebda dħul dirett, ta' investiment f'edukazzjoni u f'taħriġ preċedenti ta' professjonijisti tas-senġha kif ukoll telf ta' ħiliet u esperjenza li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp,
- M. billi l-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-senġha tnaqqas il-proċess ta' innovazzjoni f'pajjiżi li minnhom jitolqu l-emigranti, u għaldaqstant tkompli tagħmel ħsara lill-potenzjal għall-iżvilupp ekonomiku,
- N. billi l-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-senġha jista' jkollha effetti soċjali fuq il-kompożizzjoni ta' familji, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-edukazzjoni u s-saħħa tat-tfal,
- O. billi l-iżvilupp, is-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal ta' l-emigranti huma milqutin mill-emigrazzjoni, b'riżultati jew pożittivi (ir-rimessi jistgħu jnaqqsu x-xogħol li jsir mit-tfal u jżidu l-infiq tal-familji fuq l-edukazzjoni u s-saħħa) jew inkella negattivi (nuqqas ta' integrazzjoni u tensjoni fil-familji, inqas sorveljanza mill-ġenituri li tista' tirriżulta f'attendenza u f'riżultati ta' l-iskola li kulma jmur jibdeu jonqsu),
- P. billi bosta pajjiżi Ewropej adottaw leġislazzjoni għat-tħaffif tal-wasla ta' ħaddiema tas-senġha, b'mod partikolari billi qiegħdu fis-seħħ politiki selettivi ta' ammissjoni għall-emigranti taħt it-terminu 'emigrazzjoni magħżula', sabiex jikkompetu ma' l-Amerka tat-Tramuntana biex jiġbdu lejhom l-iktar ċittadini tas-senġha mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u dan aggrava t-telf qawwi ta' ħiliet minn bosta pajjiżi tan-Nofsinar, b'mod drastiku fil-każ tal-pajjiżi ta' l-Afrika fin-nofsinar tad-deżert tas-Sahara,
- Q. billi, filwaqt li l-Ewropa u l-pajjiżi AKP impenjaw ruħhom li jaħdmu għall-ksib ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), inklużi l-ksib ta' edukazzjoni primarja universali (l-għan nru. 2), it-tnaqqis fir-rata ta' mwiet tat-tfal (l-għan nru. 4), it-titjib ta' saħħet l-omm (l-għan nru. 5) u l-ġlieda kontra l-HIV/l-AIDS, il-malarja u mard ieħor (l-għan nru. 6), il-fatt li jintlaħqu dawk l-għanijiet jista' jkun mhadedded mill-eżodu fuq skala kbira ta' professuri, tobba u nersijiet min-nazzjonijiet stati AKP għall-pajjiżi ta' l-OECD u jista' jsir iktar diffiċli minħabba n-nuqqas ta' oqfsa regolatorji internazzjonali ddisinjati sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet,
- R. billi l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-senġha minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għall-Ewropa tiżdied permezz ta' fatturi ekonomiċi (faqar, sottożvilupp, pagi baxxi, sistema ta' l-edukazzjoni ta' kwalità ħażina, popolazzjoni li kulma jmur qiegħda tixjeh u tonqos f'pajjiżi ta' l-OECD li jwasslu għal nuqqas ta' xogħol), fatturi politiċi (vjolenza, konflitti, repressjoni politika, l-iktar kontra persuni intellettuali, aggravati mill-eżilju tagħhom) u — b'mod partikolari għall-pajjiżi Afrikani — minn qrubija ġeografika, lingwa komuni u rabtiet kolonjali jew storiċi,
- S. billi l-esiġenzi tal-ħaddiema f'pajjiżi Ewropej joħlqu effett avvers billi jwasslu għall-emigrazzjoni tal-forza tax-xogħol tas-senġha minn pajjiżi AKP, u għaldaqstant jikkontribwixxu għal nuqqas fil-kwalità tal-ħajja u tas-servizzi pubbliċi soċjali fil-pajjiżi AKP,

⁽¹⁾ OECD, "L-effetti ta' l-emigrazzjoni fuq il-pajjiżi li minnhom jitolqu l-emigranti: x-nafu dwar dan?" (2006).

⁽²⁾ UNDP, "Rapport dwar l-Iżvilupp Uman ta' l-2001".

- T. billi l-kwistjoni ta' emigrazzjoni irregolari jew sfurzata qiegħda tiġi indirizzata f'termini ta' konsiderazzjonijiet tas-sigurtà, iktar milli fil-kuntest usa' ta' l-iżvilupp u billi jitqiesu l-problemi ta' l-emigrazzjoni fi strateġiji għall-iżvilupp,
- U. billi l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa jista' jkollha konsegwenzi pożittivi għall-emigrant individwali, prospettivi ekonomiċi aħjar u salarji oġhla, għall-familja tiegħu fil-pajjiż ta' l-oriġni, u għall-pajjiż ta' l-oriġni nnifsu, b'mod partikolari permezz tal-bgħit ta' rimessi,
- V. billi huwa vitali li wieħed jinnota l-kontribut pożittiv li l-emigrazzjoni tista' tagħti fil-promozzjoni ta' fehim aħjar fost ċiviltajiet u kulturi u fit-traxxendenza ta' diviżjonijiet post kolonjali u territorjali permezz tat-twaqqif ta' relazzjonijiet bejn stati u popolazzjonijiet,
- W. billi d-diffikultajiet ta' integrazzjoni mġarrbin mill-emigranti fil-pajjiżi ta' l-ilqugħ u ta' integrazzjoni mill-ġdid fil-pajjiżi tagħhom ta' l-oriġni, diskriminazzjoni u "ħela ta' ħaddiema tas-sengħa" (fejn emigrant jitqabbd fuq livell iktar baxx b'rabta mas-sengħa li jkollu) jistgħu jfixklu l-iżvilupp tal-karrieri ta' l-emigranti,
- X. billi r-rimessi huma t-tieni l-ikbar sors ta' finanzjament estern għall-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw, għandhom impatt pożittiv f'pajjiżi ta' l-oriġni (l-iktar żieda fid-dħul tal-familji ta' l-emigranti u żieda fil-konsum u fl-investiment — żieda, għaldaqstant, fl-iżvilupp ekonomiku) u għandhom effett ċikliku oppost f'każ ta' kriżijiet ekonomiċi, gwerer u diżastri naturali, iżda billi sa 20 % tal-valur tagħhom jiġi assorbit minn spejjeż għall-immaniġġjar,
- Y. billi l-effikaċja ta' kodiċijiet volontarji ta' l-imġiba fuq ir-reklutaġġ etiku (li f'ċerti każijiet m'humiex konformi b'mod xieraq mad-dispożizzjonijiet stipulati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)) tqajmu dubji dwarha minn esperti u minn dawk li jeżerċitaw professjoni, b'mod partikolari meta jkunu limitati għas-settur pubbliku,
- Z. billi l-emigrazzjoni ċirkolari (li tippermetti moviment fiż-żewġ direzzjonijiet bejn pajjiżi ta' l-oriġni u tad-destinazzjoni) tħaffef il-mobiltà ġenwina internazzjonali, tadotta kuxjenza internazzjonali u toffri opportunitajiet sinifikanti għall-iżvilupp ta' pajjiżi ta' l-qugh u pajjiżi ta' l-oriġni, u għaldaqstant għandha titħeġġeġ u titthaffef,
- AA. billi l-emigrazzjoni tar-ritorn għandha ċans aħjar li tindirizza l-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa u li ssaħħa l-iżvilupp meta tkun ibbażata fuq ritorn volontarju ta' l-emigranti fil-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom, l-iktar meta din tingħata l-appoġġ misthoq,
- AB. billi l-emigranti li jirritornaw lura pajjiżhom jistgħu, b'mod paradossali, isibuha diffiċli ferm sabiex jintegraw mill-ġdid fil-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom u jista' jkun ukoll li jkunu iktar vulnerabbli għall-qgħad fil-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom min-nies li ma emigrawx,
- AC. billi teżisti xhieda li turi li l-ġbir flimkien ta' emigranti fi gruppi, bħad-dijaspori, fi ħdan assoċjazzjonijiet nazzjonali jew transnazzjonali ta' l-emigranti, u li l-attivitajiet tagħhom ikunu mmirati lejn l-iżvilupp, fenomenu magħruf bħala "ko-żvilupp", jistgħu jkollhom riżultat pożittiv ħafna kemm għall-pajjiżi li jilqgħu lill-emigranti kif ukoll għal dawk li minnhom jitolqu l-emigranti,
- AD. billi l-popolazzjoni Ewropea li qiegħda tixjeh anzi se tqiegħed iktar pressjoni fuq is-suq tax-xogħol b'sengħa u għaldaqstant iżżid il-problemi diġà viżibbli, u għaldaqstant se jkun neċessarju mmaniġġjar iktar responsabbli u aħjar ta' l-emigrazzjoni ta' xogħol b'sengħa fil-pajjiżi ta' l-UE u AKP,
- AE. billi "soluzzjonijiet komuni" ma jsolvux il-problemi ta' kulħadd; billi rikerka aħjar fi swieq AKP nazzjonali tax-xogħol għaldaqstant se tkun neċessarja sabiex jingħeleb in-nuqqas ta' taġrif u jkunu indirizzati n-nuqqasijiet ta' l-emigrazzjoni ta' xogħol b'sengħa b'mod iktar xieraq,
1. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex iżidu l-isforzi tagħhom biex iwettqu l-impenn tagħhom li jiksbu l-MDGs, u b'mod partikolari jnaqqsu bin-nofs il-faqar estrem fid-dinja sa l-2015;
 2. Tenfasizza l-fatt li l-benefiċċji potenzjali ta' l-emigrazzjoni internazzjonali mmaniġġjata sew jistgħu jkunu ikbar minn dawk iġġenerati minn kummerċ internazzjonali iktar ħieles;

3. Tenfasizza l-fatt li politika ħażina u mhux koerenti ta' l-emigrazzjoni għandha konsegwenzi enormi f'termini ta' tbatija individwali u sotto-żvilupp permanenti;
4. Thegġegħ lill-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jindirizzaw l-isfidi ta' l-emigrazzjoni, inkluża l-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa, bi spirtu ta' sħubija vera għall-iżvilupp, fuq il-bażi tal-Ftehim ta' Cotonou u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu, u sabiex jiżviluppaw politiki u reġimi speċifiċi dwar l-emigrazzjoni għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li minnhom jemigraw fuq skala wiesgħa ħaddiema tas-sengħa, billi tingħata attenzjoni partikolari lill-fatt li jittaffew l-effetti ekonomiċi u soċjali avversi ta' l-emigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa;
5. Tesprimi tħassib dwar il-politiki kurrenti ta' l-emigrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri ta' l-UE ffukati fuq prijoritajiet ta' sigurtà iktar milli fuq prijoritajiet ta' żvilupp;
6. Tesprimi tħassib dwar l-adozzjoni potenzjali mill-UE ta' Prattiki diskriminatorji fost kategoriji differenti ta' emigranti u tistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippreveniha; għaldaqstant, tistieden lill-Kummissjoni sabiex testendi għall-kategoriji kollha ta' emigranti l-kondizzjonijiet vantaġġużi tax-xogħol u ta' l-għajxien għall-emigranti ta' sengħa ta' livell għoli, kif issuġġerit fil-Pjan tal-Politika dwar l-Emigrazzjoni Legali⁽¹⁾, li dalwaqt se jkun rifless f'direttiva xierqa, bħal permess tax-xogħol ta' l-UE (il-kard il-ħadra ta' l-UE), maħruġ minn Stat Membru wieħed iżda validu fl-UE kollha;
7. Tenfasizza l-fatt li l-ghajjnuna ta' l-UE għall-iżvilupp għandha tkun immirata lejn il-qerda tal-faqar, u għaldaqstant jiġu ttrattati xi wħud mill-kawżi eżistenti ta' l-emigrazzjoni;
8. Tenfasizza l-esiġenza għal politiki integrati ta' l-emigrazzjoni fuq livelli internazzjonali, reġjonali (inklużi livelli ta' l-UE u AKP) u nazzjonali billi tkun żgurata l-integrazzjoni ta' tħassib dwar l-emigrazzjoni fi strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u l-koerenza bejn il-politiki kollha li jistgħu jolqtu l-emigrazzjoni, bħall-biedja, is-sajd, il-kummerċ, l-iżvilupp, is-sigurtà, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, u l-affarijiet barranin;
9. Thegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jindirizzaw b'mod konġunt il-politiki dwar l-emigrazzjoni u l-iżvilupp u sabiex jeżaminaw bir-reqqa s-sinerġiji bejniethom, biex isaħħu l-effikaċja taż-żewġ politiki;
10. Thegġegħ lill-Istati Membri ta' l-UE, lill-istituzzjonijiet intergovernattivi internazzjonali u lil istituzzjonijiet oħrajn rilevanti sabiex jiddisinjaw u jimplimentaw miżuri preventivi u strateġiji maħsubin sabiex jeqirdu d-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija, l-etnocentriżmu u intolleranza rrelata kontra l-emigranti mill-pajjiżi AKP;
11. Temmen li politika komuni dwar l-emigrazzjoni fuq livell ta' l-UE tesiġi l-estensjoni ta' kodeċizzjoni mal-Parlament u votazzjoni ta' maġġoranza kkwalifikata fil-Kunsill, u tistieden lill-Kunsill sabiex jaġixxi skond il-ħtieġa;

Kodiċijiet ta' l-Imġiba

12. Tilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-UE ta' April 2006 mmirati lejn li jkunu indirizzati n-nuqqasijiet b'rabta max-xogħol fis-settur tas-saħħa f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;
13. Tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw, kif mistqarr fil-konklużjonijiet ta' April 2006, Kodiċi ta' l-Imġiba ta' l-UE (konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-ILO) għar-reklutaġġ etiku ta' ħaddiema tas-saħħa, u tfaħħar lil dawk l-Istati Membri ta' l-UE li diġà għamlu dan, bħar-Renju Unit;
14. Tirrakkomanda li l-għan tal-Kodiċi ta' l-Imġiba ta' l-UE jkun estiż għal oqsma vitali oħrajn bħall-edukazzjoni u li kodiċi mtejba tkun ibbażata fuq l-għan li dawk li jirreklutaw kemm pubbliċi kif ukoll privati għandhom jadottaw metodu etiku sabiex iqabbd u emigranti tas-sengħa li jaħdmu f'xi qasam li fil-pajjiż ta' l-oriġni tagħhom ibati min-nuqqas drastiku ta' xogħol, jew aħjar minn hekk jastjenu milli jagħmlu dan;

⁽¹⁾ KUMM(2005)0669.

15. Tappoġġja lil ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn pajjiżi ta' l-oriġni u pajjiżi ta' l-ilqugħ sabiex:
 - (i) tissaħħa il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp;
 - (ii) tinbena ħila umana u istituzzjonali sabiex jinkisbu l-ogħla benefiċċji ta' l-emigrazzjoni;
 - (iii) ikunu pprovduti kondizzjonijiet soċjali u ekonomiċi mtejbmin f'pajjiżi ta' l-oriġni sabiex jitnaqqsu l-fatturi li jġiegħlu lin-nies jitolqu mid-djar tagħhom sabiex ifittxu li jtejbju l-qagħda personali tagħhom; u
 - (iv) ikunu promossi d-difiża tal-prinċipji u l-ħolqien ta' kuxjenza;
16. Tenfasizza l-fatt li kodiċi volontarja ta' l-imġiba dwar ir-reklutaġġ etiku, b'mod partikolari jekk limitata għas-settur pubbliku, hija kejl tajjeb iżda bl-ebda mod m'hija biżżejjed sabiex ikunu indirizzati l-konsegwenzi ta' l-emigrazzjoni massiva ta' ħaddiema tas-sengħa — huma meħtieġa miżuri ta' inċentiv fil-pajjiżi ta' l-oriġni u fil-pajjiżi ta' l-ilqugħ;

Investiment fl-edukazzjoni

17. Tistieden lill-pajjiżi ta' l-UE u AKP sabiex iżidu b'mod sinifikanti l-investimenti fit-taħriġ u fl-edukazzjoni f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li jiffukaw fuq setturi li jbatu min- nuqqasijiet b'rabta max-xogħol, l-iktar is-saħħa u l-edukazzjoni;
18. Tistieden lill-pajjiżi ta' l-UE u AKP sabiex joħlqu ċentri ta' eċċellenza nazzjonali u reġjonali, l-iktar fl-għamla ta' universitajiet u istituti ta' riċerka b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni; tkompli tistieden lill-pajjiżi ta' l-UE u AKP sabiex joħlqu dawn iċ-ċentri ta' eċċellenza multidixxiplinari bl-użu ta' riżorsi tal-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp (EDF), kif xieraq, fis-setturi kollha neċessarji għat-kabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli;
19. Temmen li l-Istati Membri ta' l-UE u pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għandhom jadottaw inizjattivi ta' riformiment ta' ħiliet proattivi billi jinvestu riżorsi sinifikanti fl-edukazzjoni; itteni l-appoġġ tagħha b'rabta ma' l-għan "20/20": 20 % ta' għajnuna pubblika mit-Tramuntana u 20 % tal-baġits nazzjonali tan-Nofsinarh allokati għas-servizzi soċjali bażiċi (is-saħħa u l-edukazzjoni);
20. Tistieden lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex jinvestu l-benefiċċji b'rabta mal-prospertà taż-zeit fi strateġiji u programmi għall-futur imbiegħed fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u sabiex jagħmlu użu mid-dħul b'mod trasparenti;
21. Tħeġġeġ lill-pajjiżi AKP sabiex jiżviluppaw is-sorsi potenzjali tal-prospertà ekonomika li għandhom u sabiex jagħtu attenzjoni speċjali lill-iżvilupp tar-riżorsi umani u lill-ġenerazzjoni ta' l-impjeggi fis-setturi kollha rilevanti, sabiex ħaddiema tas-sengħa jitqanqlu biex jibqgħu jew jirritornaw fil-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom;
22. Tħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkollabora mas-Segretarjat AKP biex tidentifika inizjattivi ta' appoġġ ekonomiku b'rabta mal-ftehim ta' Cotonou li jippermettu lill-pajjiżi ta' l-oriġni li jtejbju l-profil ekonomiku tagħhom u jnaqqsu r-rata ta' l-emigrazzjoni illegali, u għaldaqstant inaqqsu t-tensjoni bejn stati msieħba fi ħdan l-Assemblea Parlamentari Konġunta (JPA);
23. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jissodisfaw l-għanijiet tagħhom ta' Lisbona, bħat-titjib tal-kwalità ta' l-edukazzjoni u ż-żieda tar-rati ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol biex iżidu l-provvista ta' xogħol magħmul b'sengħa fi ħdan l-UE;

Ħela ta' ħaddiema tas-sengħa (Brain waste)

24. Tenfasizza l-effetti negattivi tal-ħela ta' ħaddiema tas-sengħa għall-atturi kollha involuti, minħabba li l-pajjiżi ta' l-ilqugħ ma jistgħux jibbenefikaw mill-ħiliet ta' l-emigranti, il-pajjiżi ta' l-oriġni huma kkonfrontati b'telf ta' investment u l-emigrant jaħdem flivell inqas mill-ħila tiegħu;
25. Tħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jieħdu miżuri deċiżivi biex jitttrattaw il-problema ta' ħela ta' ħaddiema tas-sengħa, bħar-rikonoxximent reċiproku internazzjonali jew bilaterali ta' diplomi u ħiliet u sforzi espliċiti sabiex tingħeleb id-diskriminazzjoni fl-istadju tar-reklutaġġ;
26. Tistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tfassal proposti b'rabta mat-twaqqif ta' sistema Ewropea ta' ekwivalenzi għal diplomi barranin;

Rimessi

27. Tfakkar il-fatt li r-rimessi huma u għandhom jibqgħu fondi privati, li ebda użu obligatorju tar-rimessi ma jista' jkun impost fuq individwi u li r-rimessi bl-ebda mod ma jistgħu jissostitwixxu l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA);
28. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jiddisinjaw u jimplementaw politiki biex jilhqnu l-ogħla impatt pożittiv tar-rimessi billi jiksbu flussi ta' rimessi ikbar, iktar mgħaġġla, orħos u mmirati aħjar, l-iktar billi titnaqqas il-burokrazija żejda u jittejbu s-servizzi bankarji għal transazzjonijiet żgħar mingħajr ma jkun irregolat iżżejjed is-suq;
29. B'mod partikolari, tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jimplementaw politiki mmirati lejn:
- it-titjib u t-tkabbir ta' l-aċċess għal istituzzjonijiet finanzjarji għall-emigranti u għall-familji tagħhom (“ħidmiet bankarji għal dawk li ma jibbenefikawx mis-servizzi bankarji”) ⁽¹⁾,
 - li jkunu appoġġjati u mħeġġin b'mod attiv istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jesploraw strateġiji mmirati lejn it-tnaqqis ta' l-ispiża tal-bgħit ta' rimessi, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' l-użu ta' teknoloġiji ġodda,
 - it-tqanqil tat-trasferiment ta' rimessi permezz ta' eżenzjonijiet tat-taxxa, kemm fil-pajjiż ta' l-oriġni kif ukoll fil-pajjiż tad-destinazzjoni,
 - tħeġġiġ b'rabta mal-fatt li r-rimessi jkunu mmirati lejn proġetti għall-iżvilupp (l-iktar iffukati fuq l-edukazzjoni u s-saħħa) billi r-rimessi jkunu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet governattivi nazjonali u lokali (“*matching funds*”) ⁽²⁾,
 - il-ħolqien ta' prodotti finanzjarji innovattivi għall-emigranti, bħal tiffidil eżenti mit-taxxa għal kontijiet għall-iżvilupp f'pajjiżi ta' l-ilqugħ, fejn l-emigranti jistgħu jfaddlu l-fondi li jintbagħtu fi stadju iktar tard,
 - li r-rimessi jkunu mmirati lejn investiment produttiv, billi jitħaffef l-aċċess għall-kreditu għal kompaniji żgħar u SMEs (Intrapriżi Żgħar u Medji) u permezz tat-titjib ta' l-edukazzjoni finanzjarja ta' l-emigranti u tal-familji tagħhom,
 - li t-trasferimenti tar-rimessi jkunu iktar pronti u żguri, sabiex l-emigranti jitħeġġu jagħmlu użu minn sistemi formali ta' trasferiment, u tkun żgurata t-trasparenza ta' transazzjonijiet finanzjarji permezz ta' “mezzi informali”, b'mod partikolari n-netwerks ta' hawala;
30. Twissi, madankollu, kontra r-riskju ta' regolazzjoni żejda tal-flussi finanzjarji, li tista' timpedixxi jew tagħmel diffiċli l-fluss tar-rimessi, u tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-Parlament Ewropew sabiex iqisu dan it-tħassib meta jeżaminaw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal direttiva dwar servizzi ta' ħlas fis-suq intern ⁽³⁾;

Emigrazzjoni ċirkolari

31. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex iħeġġu l-emigrazzjoni ċirkolari billi jiftiehemu dwar miżuri tanġibbli mmirati li jżidu l-flessibiltà tar-reqwiziti u tal-proċessi ta' dħul u ta' dħul mill-ġdid fiż-żewġ pajjiżi tad-destinazzjoni u ta' l-oriġni, kuntratti itwal u iktar flessibbli u l-għażla ta' dħul mill-ġdid għall-emigranti ċirkolari;
32. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex iħeġġu l-emigrazzjoni ċirkolari billi jwaqqfu sistemi “ta' żewġ postijiet tax-xogħol” għall-personal tas-settur pubbliku f'pajjiżi fin-Nofsinar (għalliema, riċerkaturi u tobba); tistieden għal darba oħra lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħmel studju dwar l-esperjenzi fl-Istati Membri ta' l-UE b'rabta mas-sistema “ta' żewġ postijiet tax-xogħol”;
33. Temmen li d-direttiva dwar ħaddiema ta' sengħa ta' livell għoli li qiegħda titħejja bħalissa mill-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti l-attenzjoni dovuta lill-istejtus ta' l-emigranti tas-sengħa sabiex tiprovdihom b'inceniv għall-emigrazzjoni ċirkolari u/jew għal ritorn temporanju;
34. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw it-trasferiment tal-pensjonijiet, it-trasferiment tal-benefiċċji tas-saħħa mill-emigranti li jirritornaw f'pajjiż-hom u l-possibiltà li jirritornaw għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż fejn kienu pprovduti s-servizzi;

⁽¹⁾ Hekk kif mistqarr mill-Kumitat għall-Iżvilupp Internazzjonali tal-Kamra tal-Komuni tar-Renju Unit.

⁽²⁾ Politiki bħal dawn ġew implimentati b'suċċess mill-programm Messikan “*Dos por uno*” u mill-inizjattiva Taljana “*Juntos por los Andes*”.

⁽³⁾ KUMM(2005)0603.

35. Tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-pajjiżi AKP sabiex jeżaminaw il-ftehimiet ta' ċittadinanza doppja sabiex ikunu mħeġġin l-emigrazzjoni ċirkolari u r-ritorn temporanju;
36. Tistieden lill-UE sabiex toffri lil dawk potenzjali li jirritornaw lura pajjiżhom il-possibiltà li jergġhu lura fl-UE matul ċertu perijodu wara r-ritorn inizjali tagħhom;
37. Tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri sabiex jiddisinjaw inizjattivi speċifiċi, fosthom linja tal-bagiet speċifika mmirata li tappoġġja r-ritorn volontarju ta' l-emigranti, fil-qafas tal-programm tematiku ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma ta' l-emigrazzjoni u tar-refuġju, bil-komponenti li ġejjin:
 - involviment ta' emigranti li jirritornaw lura pajjiżhom fi programmi għall-iżvilupp fejn huma jistgħu jagħmlu użu b'suċċess mill-ħiliet miksubin tagħhom u jiżguraw integrazzjoni xierqa mill-ġdid fil-komunità;
 - li dawk potenzjali li jirritornaw lura pajjiżhom jiġu offruti inċentivi professjonali u finanzjarji, kif ukoll infrastrutturi xierqa għall-iżvilupp tal-professjoni tagħhom;
 - titjib ta' l-aċċess għal self u taħriġ fl-immaniġġjar għall-emigranti li jirritornaw lura pajjiżhom sabiex ikun ipprovdut inċentivi għall-ħolqien ta' negozji żgħar;

Dijaspori u ko-żvilupp

38. Tirrikonoxxi l-importanza ta' dijaspori u ta' assoċjazzjonijiet ta' emigranti fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi ta' l-oriġni, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-emigrazzjoni; titlob għal koperazzjoni mill-qrib bejn istituzzjonijiet f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u l-Istati Membri, inkluż fit-twertiq ta' proġetti ta' ko-żvilupp;
39. Hija tal-fehma li l-ko-żvilupp, li jikkonsisti mir-rikonoxximent u mill-ġhoti ta' appoġġ lill-irwol tad-dijaspori b'rabta mal-fatt li jservu għall-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom, għandu jkun irrikonoxxut b'mod sħiħ fuq livell Ewropew;
40. Tistieden lill-pajjiżi ta' l-ilqugħ u lill-pajjiżi ta' l-oriġni sabiex jagħtu jappoġġjaw, b'mod loġistiku u finanzjarju, l-inizjattivi ta' dijaspori u ta' assoċjazzjonijiet ta' l-emigranti mmirati lejn l-integrazzjoni ta' l-emigranti, it-trasferiment kollettiv ta' rimessi, proġetti ta' investiment fil-pajjiżi ta' l-oriġni tagħhom u t-tixrid ta' tagħrif marbut mad-drittijiet miksubin;
41. Tagħti parir lill-gvernijiet tal-pajjiżi ta' l-oriġni sabiex jiżviluppaw ukoll rabtiet eqreb ma' l-emigranti billi jwaqqfu politiki istituzzjonali speċifiċi fejn atturi pubbliċi varji jaħdmu flimkien;
42. Tirrikonoxxi u tħeġġeġ l-involviment fis-sod ta' dijaspori fit-tisħiħ tal-koperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-pajjiżi ta' l-ilqugħ u l-pajjiżi ta' l-oriġni, b'mod notevoli billi jitneħħew ostakli b'rabta mat-tagħrif;
43. Tħeġġeġ lid-dijaspori sabiex jinvolvu ruħhom fi trasferimenti ta' ħiliet u ta' għarfien u sabiex iħaffu-hom, b'mod partikolari billi jadottaw ir-rabta bejn ħaddiema tas-sengħa li jgħixu f'pajjiżi ta' l-OECD u dawk li jibqgħu fil-pajjiżi ta' l-oriġni, permezz tal-ħolqien ta' netwerks transnazzjonali ta' xjentisti u riċerkaturi u ta' universitajiet diġitali u t-tisħiħ tat-tagħlim elettroniku, u tilqa' l-programmi mmaniġġjati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Emigranti ("Emigrazzjoni għall-Iżvilupp fl-Afrika") u mill-UNDP ("Trasferiment ta' l-Għarfien permezz ta' Ċittadini Espatrijati") f'dan il-qasam;
44. Tilqa' l-ħolqien ta' ċentri ta' riċerka dwar l-emigrazzjoni fl-Afrika fil-qafas tal-Faċilità ta' l-Emigrazzjoni ġewwa l-AKP bħala sorsi ta' dejta ta' min wieħed joqgħod fuqha u għodod addizzjonali għal tfassil tal-politika u mmaniġġjar ta' l-emigrazzjoni aħjar, b'mod partikolari minn gvernijiet AKP;
45. Tilqa' t-twaqqif imħabbar ta' ċentri ta' tagħrif u għall-immaniġġjar ta' l-emigrazzjoni⁽¹⁾ li għandhom jitwaqqfu taħt il-Programm ta' l-UE dwar l-Emigrazzjoni u l-Iżvilupp għall-Afrika bil-għan li jkun ipprovdut tagħrif u appoġġ lill-emigranti potenzjali u lill-emigranti li jirritornaw lura pajjiżhom, u tistieden lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jappoġġjaw lil dawk iċ-ċentri b'mod finanzjarju u loġistiku;

(1) L-ewwel ċentru ta' tagħrif u għall-immaniġġjar ta' l-emigrazzjoni se jinħoloq f'Bamako (il-Mali).

46. Tirrikonoxxi l-kontribuzzjoni sostanzjali ta' NGOs (Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi) għat-titjib ta' l-immaniġġjar ta' flussi ta' l-emigrazzjoni u, l-iktar, għat-tisħiħ tal-kontribuzzjoni ta' l-emigranti għall-iżvilupp tal-pajjiżi tagħhom stess, u titlob sabiex ikun ipprovdut appoġġ xieraq lill-NGOs attivi fil-qasam ta' l-emigrazzjoni;
47. Tenfasizza l-fatt li l-irwol ta' dijaspori, assoċjazzjonijiet ta' l-emigranti u NGOs jesig li jkun akkumpanjat minn politika koerenti u effettiva dwar l-emigrazzjoni u l-iżvilupp fil-pajjiżi ta' l-ilqugħ u fil-pajjiżi ta' l-oriġni;
48. Tagħti istruzzjonijiet lill-Ko-Presidenti tagħha sabiex iressqu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill AKP-UE, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-AU.

RIŻOLUZZJONI ⁽¹⁾

dwar is-sitwazzjoni f'Darfur

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- flaqgħa f'Wiesbaden (il-Ġermanja) mill-25 sat-28 ta' Ġunju 2007,
 - wara li qieset ir-rapport finali tal-11 ta' Ottubru 2006 li fassal mill-Penil ta' l-Esperti b'rabta mas-Sudan, maħtur skond ir-Riżoluzzjoni 1591 tal-Kunsill tal-Ġnus Magħquda għas-Sigurtà (UNSC),
 - wara li qieset id-deċiżjoni ta' l-Unjoni ta' l-Afrika (AU) ta' April 2004 sabiex titwaqqaf il-Missjoni ta' l-Unjoni ta' l-Afrika fis-Sudan (AMIS),
 - wara li qieset il-Ftehim tal-Paċi ta' Darfur (DPA) iffirmat f'Abuja (in-Niġerja) nhar il-5 ta' Mejju 2006 bejn il-Gvern tas-Sudan (GoS) u l-grupp maġġuri tar-ribelli l-Armata/il-Moviment ta' Liberazzjoni tas-Sudan (SLA/M),
 - wara li qieset il-Kunsens ta' Tripli dwar il-Proċess Politiku għal Darfur, adottat fi Tripli nhar it-28 u d-29 ta' April 2007,
 - wara li qieset il-Ftehim tripartitiku li ntlaħaq nhar id-9 ta' April 2007 f'Addis Ababa bejn il-GoS, il-Ġnus Magħquda (UN) u l-AU dwar il-pakkett ta' appoġġ tekniku u bl-inqas żieda ta' personal u dwar il-pakkett ta' appoġġ b'forza militari robusta,
 - wara li qieset l-Artikolu 17(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha,
- A. billi l-prinċipju tal-UN "Responsabilità għall-Ħarsien" jipprovdi li fejn awtoritajiet nazzjonali jonqsu biċċar milli jħarsu l-popolazzjonijiet tagħhom, oħrajn għandhom ir-responsabilità li jipprovdu l-ħarsien meħtieġ,
 - B. billi ċ-Ċina hija membru permanenti tal-UNSC u msieħeb kummerċjali pprivileġġat tas-Sudan; billi nhar l-10 ta' Mejju 2007, iċ-Ċina ħatret Rappreżentant Speċjali Liu Guijin għal Darfur,
 - C. billi s-Sudan iffirma l-Istatut ta' Ruma, li ħoloq il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) fl-2002, iżda li ma rratifikaxh,
 - D. billi l-eżekuzzjoni tal-forzi ta' l-AU f'Darfur kienet tassew ta' min ifaħħarha; billi, madankollu, jesig li jissaħħu u li jingħataw l-appoġġ loġistiku u finanzjarju kollu li jeħtieġu sabiex iwettqu l-mandat tagħhom b'mod effettiv,
1. Tilqa' l-aċċettazzjoni mill-GoS nhar it-12 ta' Ġunju 2007 tal-forza ibrida ta' l-AU/tal-UN; tfakkar li l-GoS għamel impenji preċedenti sabiex jippermetti l-forza ibrida fis-Sudan; tenfasizza, għaldaqstant, l-importanza li jkunu żgurati l-iktar tħaddim ħafif possibbli u li titkompla l-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet tas-Sudan u tistenna li l-GoS jiddiżarma l-milizzja kollha, inkluż il-*Janjaweed* (gruppi ta' milizzja Għarbija), u li jwaqqaf l-ibbombardjar tar-reġjun ta' Darfur;

(¹) Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE nhar it-28 ta' Ġunju 2007 f'Wiesbaden (il-Ġermanja).

2. Tikkundanna kull vjolazzjoni tal-ftehimiet dwar il-waqfien ta' l-isparar minn kull parti, u b'mod partikolari kull vjolenza mmirata lejn il-popolazzjoni pajżana u lejn il-fatt li tintlaqat l-għajnuna umani-tarja;
3. Tistieden lill-GoS sabiex jikkopera b'mod sħiħ mal-UN u sabiex jimplementa r-risoluzzjonijiet rilevanti tal-UN;
4. Tistieden lill-UN sabiex jaġixxu bi qbil mar-“Responsabilità għall-Ħarsien”, billi jkun żgurat li l-forza ibrida tal-ġejjieni jkollha mandat sħiħ sabiex tħares lill-pajżani skond il-Karta tal-UN;
5. Tistieden lill-UE u lil atturi internazzjonali oħrajn sabiex japplikaw miżuri xierqa li jolqtu lil kull entità li tikkommetti vjolenza li tikser il-waqfien ta' l-isparar jew li tattakka lill-pajżani, lil dawk li jżommu l-paċi jew lil ħidmiet umanitarji u sabiex jieħdu l-azzjoni neċessarja biex jgħinu jtemmu l-impunità;
6. Tistieden lill-UE u lill-AU sabiex jippreżentaw grupp politiku organizzat u magħqud b'rabta ma' l-isforzi biex tinstab soluzzjoni għall-konflitt f'Darfur u biex jitqiegħed f'ordni ta' prijorità l-proċess komprensiv tal-paċi, li għandu jinkludi l-konsultazzjoni u r-rappreżentazzjoni tat-tribujiet ta' Darfur, il-komunitajiet ta' persuni li ġew sfurzati jtilqu minn djarhom iżda li jibqgħu fi ħdan il-konfini tal-pajjiż (IDPs), gruppi ta' nisa u gruppi oħrajn tas-soċjetà ċivili; tistieden lill-komunità lokali sabiex tiżgura li l-medjazzjoni ta' l-AU/tal-UN tkun l-unika rotta li biha jintlaħaq ftehim paċifiku għal Darfur u għall-promozzjoni ta' proċess ta' djalogu politiku fiċ-Ċad u fir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali (CAR) li jgħorbi fih gruppi ta' oppożizzjoni;
7. Tistieden lill-komunità internazzjonali sabiex tibni kunsens dwar l-istadji strateġiċi li jmiss li għandhom jitwettqu f'Darfur, biex ikunu inklużi atturi ewlenin bħaċ-Ċina u l-Istati Uniti ta' l-Amerka f'kull stadju, għall-ħolqien ta' grupp ta' kuntatt li għandu l-ħila li jżomm u li jaġġorna b'mod kontinwu kunsens bħal dan, u biex titqiegħed pressjoni fuq il-movimenti kollha ta' ribelli u fuq il-GoS biex jitwaqqaf l-isparar u jinbdew negozjati ġodda għall-paċi;
8. Titlob għall-appoġġ kontinwu ta' l-UE u dak internazzjonali għal miżuri għall-bini tal-kunfidenza, bħad-Djalogu u l-Konsultazzjoni Darfur-Darfur, li jinvolvu l-partijiet kollha fil-konflitt kif ukoll lis-soċjetà ċivili;
9. Tistieden lill-Moviment ta' Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan (SPLM) sabiex jgħin fl-unifikazzjoni tal-frazzjonijiet kollha ta' ribelli f'Darfur sabiex jippermettihom li jieħdu sehem f'negozjati internazzjonali; tistieden lill-komunità internazzjonali sabiex tagħmel pressjoni fuq gruppi ta' ribelli għall-unifikazzjoni, u tistieden ukoll lill-GoS sabiex jippermetti lir-ribelli żmien sabiex jingħaqdu mill-ġdid;
10. Tistieden lill-komunità internazzjonali, lill-AU u lill-UN sabiex isegwu proċess politiku li jibda billi jgħin lil gruppi ta' ribelli li jifdal b'rabta ma' l-unifikazzjoni tar-rankijiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jinneogzjaw b'mod koerenti, iwessgħu l-firxa ta' parteċipazzjoni u jsaħħu l-istruttura tan-negozjati;
11. Titlob għall-iktar koperazzjoni sħiħa possibbli bejn is-CAR, iċ-Ċad u l-GoS permezz ta' mezzi diplomatiċi u paċifiċi b'rabta ma' l-għan tas-sigurtà reġjonali fl-interess ta' kulħadd;
12. Tilqa' l-Kunsens ta' Tripli dwar il-Proċess Politiku għal Darfur⁽¹⁾, li jhegġegħ lill-partijiet kollha tal-konflitt sabiex “jaġhtu tmiem minnufih għall-ostilitajiet u jaġixxu b'rabta ma' l-impenn tagħhom sabiex iwettqu waqfien ta' l-isparar mingħajr ebda dewmien”, iwissi li “dawk li jostakolaw il-proċess tal-paċi f'Darfur ikollhom ibatu l-konsegwenzi”, u jenfasizza “il-ħtieġa għal finanzjament sostanzjali għall-AMIS sat-transizzjoni għall-ħidma ibrida”;
13. Thegġegħ lill-GoS sabiex jirratifika l-istatut ta' l-ICC u sabiex ikun konformi mar-responsabilitajiet tiegħu skond ir-Risoluzzjoni 1593 tal-UNSC; tistieden lill-individwi li ġew akkużati mill-ICC sabiex iċedu;

(¹) Il-Kunsens ta' Tripli huwa t-test konklużiv ta' laqgħa internazzjonali dwar Darfur li saret fi Tripli bejn it-28 u d-29 ta' April 2007, li hađu sehem fiha l-UN, l-AU, l-UE, il-Lega ta' Stati Għarab, is-Sudan, iċ-Ċad, l-Eġittu, l-Eritrea, il-Libja, iċ-Ċina, Franza, ir-Russja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti ta' l-Amerka, il-Kanada, l-Olanda u n-Norveġja.

14. Tirrikonoxxi l-kontribuzzjoni li ċ-Ċina ppruvat tagħti għall-iżvilupp tal-forza ibrida tal-UN; tħeġġeġ liċ-Ċina sabiex tuża l-influwenza tagħha biex tibni fuq dawn il-miżuri riċenti li ttieħdu u tħeġġeġ lill-GoS sabiex jerġa' jagħti bidu għal negozjati inklużivi mal-forzi kollha tar-ribelli sabiex jintlaħaq ftehim paċifiku b'rabta mal-konflitt;
 15. Tistieden ukoll lill-partijiet terzi kollha sabiex ma jibqgħux jesportaw armi lill-partijiet kollha involuti fil-konflitt fir-reġjun u sabiex iżommu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-paċi u s-sigurtà internazzjonali fir-relazzjonijiet tagħhom mas-Sudan;
 16. Tqis li l-kawżi fundamentali tal-konflitt f'Darfur huma s-sottożvilupp u l-emarġinazzjoni ekonomika u politika tal-popolazzjoni tar-reġjun kif ukoll il-problemi ekoloġiċi severi marbutin mal-bidla fil-klima, bħat-tiswir ta' malajr ta' deżert, nuqqas ta' xita fuq firxa wiesgħa u nuqqas ta' ilma li kulma jmur qiegħed jiżdied;
 17. Tistieden lill-GoS u lill-komunità internazzjonali sabiex ma jagħmlu l-ebda sforz biex jittrattaw is-sottożvilupp tar-reġjun ta' Darfur inkluża l-isfida enormi ta' nuqqas ta' ilma, sabiex jipprovdu għajjnuna umanitarja sostanzjali kif ukoll għajjnuna mmirata lejn it-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt u tad-drittijiet politiċi u ekonomiċi tal-popolazzjoni;
 18. Tistieden lill-partijiet kollha involuti fil-konflitt sabiex iżommu lura milli jirreklutaw u jagħmlu użu minn suldati tfal taħt l-età ta' 18-il sena, u tistieden lill-awtoritajiet tas-Sudan sabiex iħarsu lit-tfal li jġu sfurzati jtilqu mid-djar tagħhom, l-iktar lill-minorenni mhux akkumpanjati, kif stipulat fil-Konvenzjonijiet rilevanti;
 19. Tagħti istruzzjonijiet lill-Ko-Presidenti tagħha sabiex iressqu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill AKP-UE, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u lill-Parlament tas-Sudan, lill-UNSC u lill-Istituzzjonijiet ta' l-AU.
-

ANNEX V

EMENDA TAR-REGOLI TA' PROĊEDURA ⁽¹⁾

It-test preżenti	L-emenda
<p data-bbox="459 416 564 443">Artikolu 11</p> <p data-bbox="440 456 584 483">L-Ilsna Uffiċjali</p> <p data-bbox="248 501 794 622">1. L-ilsna uffiċjali ta' l-Assemblea għandhom ikunu ċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż.</p> <p data-bbox="248 640 794 739">2. L-atti adottati mill-Assemblea għandhom ikunu ppubblikati fl-ilsna uffiċjali. Dokumenti ta' tħejjija u dokumenti ta' ħidma għandhom ikunu ppubblikati millinqas bl-Ingliż u bil-Franċiż.</p> <p data-bbox="248 757 794 855">3. Il-Burò jista' jiddeċiedi fuq l-għadd ta' ilsna li fihom għandha tkun ipprovduta interpretazzjoni f'każ ta' seduti ta' l-Assemblea barra mill-postijiet ta' ħidma tas-soltu tal-Parlament Ewropew.</p>	<p data-bbox="1027 416 1133 443">Artikolu 11</p> <p data-bbox="1008 456 1152 483">L-Ilsna Uffiċjali</p> <p data-bbox="807 501 1353 622">1. L-ilsna uffiċjali ta' l-Assemblea għandhom ikunu l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż.</p> <p data-bbox="807 640 1353 739">2. L-atti adottati mill-Assemblea għandhom ikunu ppubblikati fl-ilsna uffiċjali. Dokumenti ta' tħejjija u dokumenti ta' ħidma għandhom ikunu ppubblikati millinqas bl-Ingliż u bil-Franċiż.</p> <p data-bbox="807 757 1353 855">3. Il-Burò jista' jiddeċiedi fuq l-għadd ta' ilsna li fihom għandha tkun ipprovduta interpretazzjoni f'każ ta' seduti ta' l-Assemblea barra mill-postijiet ta' ħidma tas-soltu tal-Parlament Ewropew.</p>

(¹) Adottata nhar it-28 ta' Ġunju 2007 f'Wiesbaden (Il-Ġermanja).